



---

## TESTI ADOTTATI

---

### **P8\_TA(2018)0075**

### **Il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020**

### **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-QFP li jmiss: Tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-QFP wara l-2020 (2017/2052(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikoli 311, 312 u 323 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020<sup>1</sup> u l-emendi sussegwenti tiegħu min-naħa tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2017/1123 tal-20 ta' Ġunju 2017<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016 dwar "it-tħejjija tar-reviżjoni postelettorali tal-QFP 2014-2020: L-input tal-Parlament qabel il-proposta tal-Kummissjoni"<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra d-Dokument ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2017 dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE (COM(2017)0358),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar id-Dokument ta' Riflessjoni dwar il-Futur tal-Finanzi tal-UE<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 70/1 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Aġenda for Sustainable Development" ("Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli"),

---

<sup>1</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

<sup>2</sup> ĠU L 163, 24.6.2017, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

<sup>4</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0309.

<sup>5</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0401.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-ratifika tal-Ftehim ta' Pariġi mill-Parlament Ewropew fl-4 ta' Ottubru 2016<sup>2</sup> u mill-Kunsill fil-5 ta' Ottubru 2016<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali bit-titolu "Challenges facing civil society organisations working on human rights in the EU" ("Sfidi li jaffaċċjaw l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq id-drittijiet tal-bniedem fl-UE"),
  - wara li kkunsidra ir-Regola 52 tar-Regoli ta' Proċedura,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-finanzjament ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili mill-UE,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits, l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, il-pożizzjoni fil-forma ta' emendi tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għas-Sajd, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0048/2018),
- A. billi fl-2013 intlaħaq qbil dwar il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li għall-ewwel darba involva tnaqqis f'termini reali kemm tal-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll dawk ta' pagament meta mqabbel mal-perjodu ta' programmazzjoni finanzjarja preċedenti minkejja ż-żieda fil-kompetenzi u fl-ambizzjonijiet tal-UE kif definiti fit-Trattat ta' Lisbona u fl-istrateġija Ewropa 2020 rispettivament; billi involva wkoll diskrepanza notevoli bejn il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, li kkontribwiet f'akkumulu ta' kontijiet mhux imħallsa fl-ewwel sentejn tal-QFP; billi l-adozzjoni tardiva tal-QFP u l-bażijiet legali relatati kkontribwew għad-dewmien fl-implimentazzjoni, li r-riperkussjonijiet ta' dan għadhom jinħassu sal-ġurnata tal-lum u li x'aktarx iwasslu għal akkumulu ta' talbiet għall-pagament fi tmiem il-QFP attwali, b'hekk jaqgħu fuq il-perjodu li jmiss; billi fuq l-insistenza tal-Parlament iddaħħlu dispożizzjonijiet ġodda fil-QFP ħalli l-limiti massimi globali tiegħu jintużaw kemm jista' jkun u ħalli jkun hemm mekkaniżmi ta' flessibilità;
- B. billi l-QFP 2014-2020 malajr wera l-inadegwatezza tiegħu biex jissodisfa l-bżonnijiet reali u l-ambizzjonijiet politiċi peress li, mill-bidu nett, intalab jindirizza sensiela ta' kriżijiet u sfidi ġodda fl-oqsma tal-investment, tal-esklużjoni soċjali, tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati, tal-impjiegi fost iż-żgħażaġh, tas-sigurtà, tal-agrikoltura, tal-ambjent u tat-tibdil fil-klima, li meta ġie adottat ma kinux għadhom ġew previsti; billi, konsegwentement, il-QFP attwali diġà laħaq il-limiti tiegħu wara biss sentejn ta' implimentazzjoni peress li l-marġnijiet disponibbli kienu ġew eżawriti, id-

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2017)0010.

<sup>2</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0363.

<sup>3</sup> ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1.

dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà u l-istrumenti speċjali kienu ġew mobilizzati sa livell sostanzjali, il-politiki u l-programmi eżistenti kienu tpoġġew taħt pressjoni jew saħansitra tnaqqsu u kienu nħolqu ċerti mekkaniżmi barra mill-baġit biex jagħmlu tajjeb għal-livell u l-flessibbiltà insuffiċjenti tal-baġit tal-UE;

- C. billi dawn in-nuqqasijiet diġà kienu saru evidenti fil-mument tal-analiżi u tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP varati fi tmiem l-2016, u kien jistħoqqilhom li minnufih jittieħdu azzjonijiet dwarhom, kif wera l-Parlament fir-risoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2016; billi r-reviżjoni ta' nofs it-terminu rnexxielha twessa' l-potenzjal tad-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà eżistenti sa livell moderat, iżda falliet fir-reviżjoni tal-limiti massimi tal-QFP;
  - D. billi l-Kummissjoni, f'Mejju 2018, se tippreżenta l-pakkett ta' proposti tagħha rigward il-QFP ta' wara l-2020, inklużi riżorsi proprji futuri, filwaqt li r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 stipula li huma kellhom jitwettqu sal-1 ta' Jannar 2018; billi dan huwa mistenni li jiġi segwit ftit wara minn abbozz ta' proposti leġiżlattivi għall-programmi u l-istrumenti finanzjarji;
1. Jadotta din ir-risoluzzjoni bil-għan li jiddefinixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fir-rigward tal-QFP ta' wara l-2020, b'attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet mistennija, id-daqs, l-istruttura, it-tul ta' żmien, il-flessibbiltà u l-prinċipji orizzontali l-oħra, u li jindika l-orjentamenti baġitarji speċifiċi għall-politiki rispettivi tal-UE koperti mill-qafas finanzjarju li jmiss; jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta l-proposta leġiżlattiva għall-QFP li jmiss flimkien ma' abbozz ta' ftehim interistituzzjonali li jqis il-pożizzjonijiet u s-suġġerimenti tal-Parlament; jisħaq fuq il-fatt li din ir-risoluzzjoni toffri wkoll bażi għall-impenn tal-Parlament fil-proċedura li twassal għall-adozzjoni tal-QFP li jmiss;
  2. Jadotta, b'mod parallel, risoluzzjoni separata<sup>1</sup> biex tiddefinixxi l-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tar-riforma tas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE, konformement mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Riżorsi Proprji; jistieden lill-Kummissjoni tqis kif dovut il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi dwar ir-riżorsi proprji tal-UE, li għandha tkun ambizzjuża fil-portata u ppreżentata flimkien mal-proposti tal-QFP; jenfasizza li kemm in-naħa tan-nefqa kif ukoll dik tad-dħul tal-QFP li jmiss se jkun ttrattati bħala pakkett uniku fin-negożjati imminenti, u li mhu se jintlaħaq l-ebda qbil dwar il-QFP mingħajr ma jsiru passi korrispondenti 'l quddiem fr-riżorsi proprji;

### ***1. Prijoritajiet u sfidi fil-QFP li jmiss***

3. Jilqa' pożittivament id-diskussjoni dwar il-QFP li jmiss bħala opportunità biex jitqiegħdu l-pedamenti għal Ewropa aktar b'saħħitha u aktar sostenibbli permezz tal-istrument fost daww l-aktar konkreti, il-baġit tal-Unjoni; jemmen li l-QFP li jmiss għandu jkun integrat fi strateġija u f'narrazzjoni usa' għall-futur tal-Ewropa; iqis li l-QFP jeħtieġu jkun it-tisrif tal-prijoritajiet politiċi tal-proġetti u l-politika tal-UE f'mezzi baġitarji;
4. Jinsab konvint li l-QFP li jmiss għandu jibni fuq il-politiki u l-prijoritajiet ikkonsolidati tal-Unjoni stabbiliti sew tal-Unjoni, li għandhom l-għan li jippromwov u l-paċi, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi, jagħtu

---

<sup>1</sup> Testi adottati, P8\_TA(2018)0076.

spinta lill-benessri, lit-tkabbir ekonomiku fuq terminu twil u sostenibbli u r-riċerka u l-innovazzjoni, jipprovdu impjiegi ta' kwalità li jwasslu għal impjiegi deċenti, jiġġieldu t-tibdil fil-klima, u jrawmu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, kif ukoll is-solidarjetà bejn l-Istati Membri u ċ-ċittadini; iqis li dawn il-pilastru huma rekwiżiti preliminari għall-funzjonament korrett tas-suq uniku u tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja kif ukoll għat-tiġid tal-pożizzjoni tal-Ewropa fid-dinja; għandu fiduċja li huma aktar rilevanti minn qatt qabel għall-attivitàjiet futuri tal-Ewropa;

5. Jemmen li l-QFP li jmiss għandu jippermetti lill-Unjoni tagħti soluzzjonijiet u toħroġ aktar b'saħħitha mill-kriżijiet tad-deċennju: it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u finanzjarju, il-qgħad fost iż-żgħażaġh, il-faqar persistenti u l-esklużjoni soċjali, il-fenomeni tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati, it-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali, id-degradazzjoni ambjentali u t-telfien tal-bijodiversità, it-terroriżmu u l-instabbiltà, fost oħrajn; jissottolinja li dawn l-isfidi globali u transfruntieri, b'implikazzjonijiet interni, jiżvelaw l-interdipendenza tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet tagħna, u jindikaw il-bżonn ta' azzjonijiet konġunti;
6. Jiġbed l-attenzjoni li l-UE jeħtiġilha twettaq l-impenn tagħha li tkun minn ta' quddiem fl-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, li jipprovdu pjan direzzjonali globali għal soċjetajiet aktar sostenibbli, ekwitabbli u prosperu fi ħdan konfini planetarji; jenfasizza li l-QFP li jmiss irid ikun allinjat mal-SDGs; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni favur l-integrazzjoni tal-SDGs fil-politiki u l-inizjattivi tal-UE kollha; jistenna li l-UE twettaq l-impenn tagħha favur dawn l-għanijiet; jenfasizza, barra minn hekk, li l-proklamazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-impenn mill-UE u mill-Istati Membri biex jiżguraw Ewropa aktar soċjali għandhom ikunu appoġġjati minn riżorsi finanzjarji adegwati; iqis li, wara l-Ftehim ta' Pariġi, l-infiq relatat mal-klima għandu jiżdied b'mod sinifikanti meta mqabbel mal-QFP attwali u jilħaq 30 % mill-aktar fis possibbli u sa mhux aktar tard mill-2027;
7. Jisħaq fuq il-fatt li l-QFP li jmiss joffri opportunità lill-Unjoni biex turi li hi magħquda u kapaċi tindirizza l-iżviluppi politiċi bħall-Brexit, il-qawmien tal-movimenti populistu u nazzjonalistiċi u l-bidliet fit-tmexxija globali; jissottolinja li l-firdiet u l-egoċentriżmu mhumiex tweġiba għall-problemi tad-dinja u għat-tħassib taċ-ċittadini; iqis li n-negozjati tal-Brexit, b'mod partikolari, juru li l-vantaġġi li tkun membru tal-Unjoni jisbqu bil-kbir l-ispiża tal-kontributi għall-baġit tagħha; jitlob, f'dan il-kuntest, li jkun hemm rispett sħiħ għall-qafas tal-impennji diġà meħuda, bħal fil-każ tal-Ftehim tal-Ġimgħa l-Kbira f'dak li jirrigwardja l-istat tad-dritt u d-demokrazija;
8. Jappella, għaldaqstant, għal appoġġ kontinwu tal-politiki eżistenti, partikolarment il-politiki tal-UE li ilhom stabbiliti u li huma minquxa fit-Trattati, pereżempju l-politika agrikola komuni, il-politika komuni tas-sajd, u l-politika ta' koeżjoni, peress li dawn iwasslu għal benefiċċji tanġibbli tal-proġett Ewropew liċ-ċittadini tal-UE; jirrifjuta kull tentattiv maħsub biex jerġa' jinnazzjonalizza dawn il-politiki, peress li dan la jnaqqas il-piż finanzjarju fuq il-kontribwenti u l-konsumaturi u lanqas ma jikseb riżultati aħjar, iżda jxekkel it-tkabbir, is-solidarjetà u l-funzjonament tas-suq uniku u fl-istess ħin japprofondixxi l-inugwaljanzi u jkabbar id-disparitajiet bejn it-territorji u s-setturi ekonomiċi; biħsiebu jiggerantixxi l-istess livell ta' finanzjament għall-UE-27 għal dawn il-politiki fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss filwaqt li jkompli jtejjeb l-effikaċja tagħhom u jsempjifika l-proċeduri assoċjati magħhom;
9. Jemmen li l-Ewropa għandha toffri prospettivi lill-ġenerazzjoni żagħżuġha kif ukoll lill-

impriżi orjentati lejn il-futur li jagħmlu lill-UE attur aktar ta' suċċess fix-xena dinjija; jinsab iddeterminat li jlaħħam sostanzjalment tnejn mill-programmi emblematiċi tiegħu, jiġifieri l-Programm Qafas għar-Riċerka u Erasmus+, li, bil-mezzi attwali tagħhom, ma jistgħux ilaħħqu mad-domanda ferm għolja li tinvolvi applikazzjonijiet ta' kwalità superjuri; jikkonferma bis-saħħa l-appoġġ tiegħu għal żieda sostanzjali fir-riżorsi għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh u fl-appoġġ favur l-impriżi ta' daqs medju permezz tal-programmi suċċessuri tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ u l-programm għall-Kompetittività tal-Impriżi u l-SMEs (COSME); jappoġġja wkoll it-tisħiħ tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) 2.0;

10. Jistieden lill-Unjoni tassumi r-rwol tagħha fi tliet oqsma politiċi emerġenti b'dimensjoni interna u esterna, li dehru matul il-QFP attwali:
  - billi tiżviluppa u tiffinanzja politika komprensiva dwar l-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni u tindirizza l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u l-ispostament tal-pajjiżi terzi;
  - billi ssaħħaħ il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u tippromwovi l-istabbiltà, b'mod partikolari billi tissalvagwardja d-drittijiet tal-bniedem barra mill-pajjiż, il-prevenzjoni tal-kunflitt u l-politiki ta' żvilupp esterni;
  - billi ttiprovdi sigurtà komuni interna liċ-ċittadini Ewropej u tiġbor flimkien ir-riċerka u l-kapaċitajiet fil-qasam tad-difiża, filwaqt li tenfasizza li l-azzjonijiet meħuda f'dawn l-oqsma m'għandhomx isiru askapitu tal-politiki ta' żvilupp tal-UE;
11. Jenfasizza li l-qafas futur mistenni jintegra żewġ tipi ġodda ta' appoġġ finanzjarju li jidhru b'mod prominenti fl-aġenda ekonomika tal-Unjoni, jiġifieri t-tkomplija tal-iskemi ta' appoġġ għall-investimenti, bħall-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, u l-iżvilupp ta' funzjoni ta' stabbilizzazzjoni għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, eventwalment permezz tal-Fond Monetarju Ewropew propost, flimkien ma' faċilità ta' konverġenza ddedikata għall-Istati Membri li jinsabu fi triqithom li jissieħbu fl-euro;
12. Jissottolinja li, bħala l-ewwel pass, il-kapaċità baġitarja speċifika taż-żona tal-euro għandha tkun parti mill-baġit tal-Unjoni, billi tingħadd b'mod supplimentari għal-livelli massimi tal-qafas finanzjarju pluriennali, mingħajr preġudizzju għall-programmi l-oħra tal-QFP, u għandha tiġi ffinanzjata mill-membri taż-żona tal-euro u mill-membri parteċipanti l-oħra permezz ta' sors ta' dħul li għandu jiġi miftiehem bejn l-Istati Membri parteċipanti u meqjus li bħala dħul assenjat u garanziji; iqis li l-kapaċità fiskali tista' tkun iffinanzjata, ladarba tkun fi stadju stabbli, permezz ta' riżorsi proprji ġenwini, skont ir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport Monti dwar il-finanzjament futur tal-UE;
13. Jerġa' jafferma l-prinċipju skont liema l-prijoritajiet politiċi addizzjonali għandhom ikunu abbinati ma' mezzi finanzjarji addizzjonali, sew jekk jinbtu fil-mument tal-adozzjoni ta' QFP ġdid sew jekk matul l-implimentazzjoni tiegħu, u jissottolinja li l-finanzjament tal-bżonnijiet il-ġodda ma għandux jimmina l-politiki u l-programmi eżistenti; jistenna, barra minn hekk, li jkun stabiliti biżżejjed dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà biex jilqgħu għaċ-ċirkostanzi mhux mistennija li jistgħu jinqualgħu matul il-QFP;
14. Jemmen li tista' biss tinkiseb Ewropa aktar b'saħħitha u aktar ambizzjuża jekk tingħata

l-mezzi finanzjarji msaħħa; jitlob, fid-dawl tal-isfidi u tal-prijoritajiet imsemmija hawn fuq, u meta jitqies il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, żieda sinifikanti fil-baġit tal-Unjoni; jagħti stima tal-limiti massimi tan-nefqa tal-QFP rikjesti ta' 1,3 % tal-ING tal-UE-27, minkejja l-firxa ta' strumenti li għandhom ikunu kkalkolati barra mil-limiti massimi;

15. Jinsab konvint li, sakemm il-Kunsill ma jaqbilx li jżid b'mod sinifikanti l-livell tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tiegħu għall-baġit tal-UE, l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ġenwini tal-UE tibqa' l-unika alternattiva biex il-QFP li jmiss jiġi ffinanzjat b'mod adegwat;

## ***II. Kwistjonijiet orizzontali***

### *Prinċipji tal-baġit tal-UE u sinċerità tal-baġit*

16. Ifakkar fil-prinċipji baġitarji Ewropej, tal-eżattezza baġitarja, tal-annwalità, tal-ekwilibriju, tal-universalità, tal-ispeċifikazzjoni, tal-addizzjonalità, tas-sussidjarjetà, tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tat-trasparenza, li jeħtieġ li jiġu rispettati fl-istabbiliment u fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni;
17. Itenni l-pożizzjoni li ilu li adotta skont liema l-ambizzjoni politika tal-Unjoni trid tiġi appoġġjata permezz ta' riżorsi finanzjarji adegwati u jfakkar li l-Artikolu 311 tat-TFUE jgħid li l-Unjoni għandha ttiprovdi għaliha nnifisha l-mezzi meħtieġa sabiex tikseb l-għanijiet tagħha u twettaq b'suċċess il-politika tagħha;
18. Jiġbed, f'dan il-kuntest, l-attenzjoni għall-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa tad-deċiżjonijiet u tal-inizjattivi politiċi meħuda mill-Kunsill Ewropew hija biss possibbli jekk ikun żgurat il-finanzjament neċessarju, u jissottolinja li kwalunkwe approċċ ieħor jimmina s-sinċerità tal-baġit tal-Unjoni u l-fiduċja taċ-ċittadini;
19. Jemmen li l-QFP, huwa u jsarraf il-prijoritajiet politiċi tal-UE f'investimenti konkreti, jikkostitwixxi strument eċċellenti għall-ippjanar fit-tul tal-infiq tal-UE u biex jiżgura ċertu livell stabbli ta' investment pubbliku fl-Istati Membri; jiddispjaċih, madankollu, għan-nuqqas ta' strateġija fit-tul maqbula b'mod reċiproku qabel l-adozzjoni tal-QFP li jmiss; ifakkar, barra minn hekk, li l-baġit tal-UE huwa, prevalentement, baġit ta' investimenti li jservi bħala għajn ta' finanzjament addizzjonali u komplementari għall-azzjonijiet meħuda fil-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali;

### *Tul ta' żmien*

20. Huwa tal-opinjoni li d-deċiżjoni dwar it-tul ta' żmien tal-QFP għandha ssib bilanċ tajjeb bejn iż-żewġ rekwiżiti kunfliġġenti, jiġifieri, minn naħa, il-bżonn li bosta politiki tal-UE – speċjalment dawk fl-ambitu tal-ġestjoni konġunta, bħall-agrikoltura u l-koeżjoni – joperaw abbażi tal-istabbiltà u tal-prevedibbiltà li hija żgurata permezz ta' impenn ta' almenu seba' snin, u, min-naħa l-oħra, il-bżonn ta' leġittimità u ta' obbligu ta' rendikont demokratiċi li jirriżulta mis-sinkronizzazzjoni ta' kull qafas finanzjarju maċ-ċiklu politiku ta' ħames snin tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni;
21. Jišhaq fuq il-fatt li huwa imperattiv politiku għal kull Parlament li jkun għadu kemm ġie elett li jkun jista' jinfluwenza b'mod sostanzjali l-QFP matul iċ-ċiklu elettorali tiegħu, kemm f'termini ta' ammonti kif ukoll ta' prijoritajiet politiċi; jenfasizza li l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew joffru l-opportunità liċ-ċittadini tal-UE biex jesprimu

direttament il-pożizzjoni tagħhom dwar il-prijoritajiet baġitarji tal-Unjoni, li għandhom ikunu riflessi f'aġġustament postelettorali vinkolanti tal-qafas finanzjarju; jemma, għalhekk, li matul kull ċiklu politiku, il-Kummissjoni jeħtiġilha tipproponi u kemm il-Parlament kif ukoll il-Kunsill jeħtiġilhom jiddeċiedu dwar il-ħolqien tal-QFP sussegwenti jew dwar reviżjoni obbligatorja ta' nofs it-terminu tal-QFP li jkun fis-seħħ;

22. Jissottolinja l-ħtieġa li t-tul ta' żmien tal-QFP jgħaddi progressivament għal perjodu ta' 5+5, b'reviżjoni ta' nofs it-terminu obbligatorja; jistieden lill-Kummissjoni tfassal proposta ċara li tiddefinixxi l-metodi għall-implimentazzjoni fil-prattika ta' qafas finanzjarju 5+5; huwa konvint li perjodu uniku ta' ħames snin ma jstax jiġi kkunsidrat għat-tul ta' żmien tal-QFP, minħabba x-xkiel serju li jkun jimponi fuq ir-rekwiżiti ta' programmazzjoni u ta' implimentazzjoni ta' diversi politiki tal-UE;
23. Jirrikonoxxi, madankollu, li l-għażla tad-dati tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss, previsti fir-rebbiegħa tal-2019, peress li l-QFP attwali jibqa' operattiv sa Diċembru 2020, ma tippermettix li s-soluzzjoni 5+5 tkun implimentata immedjatament, billi ma jkun intlaħaq l-ebda allinjament sodisfaċenti tad-diversi ċikli; huwa tal-fehma, għalhekk, li l-QFP li jmiss għandu jkun iffissat għal perjodu ta' seba' snin (2021-2027), inkluża reviżjoni obbligatorja ta' nofs it-terminu, bħala soluzzjoni ta' tranżizzjoni li tkun applikata għall-aħħar darba;

#### *Reviżjoni ta' nofs it-terminu*

24. Huwa konvint mill-bżonn li jinżammu analiżi u reviżjoni, ġuridikament vinkolanti u obbligatorji, ta' nofs it-terminu tal-QFP, stabbiliti fir-Regolament dwar il-QFP il-ġdid; ifakkar li r-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-2016 kienet l-ewwel okkażjoni storika li fiha saret reviżjoni reali tar-Regolament dwar il-QFP u li ġiet ivvalutata pożittivament kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament, partikolarment f'termini ta' tisħiħ tad-dispożizzjonijiet ta' flessibilita' tal-QFP;
25. Iqis li, għall-QFP 2021-2027, ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu għandha tkun proposta u deċiża f'ħin utli bil-għan li l-Parlament u l-Kummissjoni li jmiss jitħallew jaġġustaw il-qafas finanzjarju kif xieraq; jissottolinja li kwalunkwe reviżjoni tal-QFP għandha tiżgura l-involviment tal-Parlament u tħares il-prerogattivi tiegħu bħala fergħa ndaqs tal-awtorita' baġitarja; jissottolinja, barra minn hekk, li kwalunkwe reviżjoni reali tinvolvi wkoll ir-reviżjoni tal-limiti massimi tal-QFP, f'każ li l-inadegwatezza tagħhom tkun stabbilita għall-bqija tal-perjodu;

#### *Flessibilita'*

26. Jissottolinja li, matul il-QFP attwali, l-awtorita' baġitarja approvat mobilizzazzjoni sostanzjali tad-dispożizzjonijiet ta' flessibilita' u l-istrumenti speċjali inklużi fir-Regolament dwar il-QFP biex tiggarantixxi l-approprijazzjonijiet addizzjonali meħtieġa bħala reazzjoni għall-kriżijiet jew għall-finanzjament ta' prijoritajiet politiċi ġodda;
27. Iqis, għaldaqstant, li d-dispożizzjonijiet ta' flessibilita' fl-ambitu tal-QFP attwali ħadmu tajjeb u taw soluzzjonijiet fir-rigward tal-finanzjament konsiderevoli meħtieġ partikolarment biex ikunu affrontati l-isfidi tal-migrazzjoni u tar-rifuġjati u biex tkun indirizzata d-diskrepanza fl-investment; ifakkar li l-Parlament kien l-oriġini ta' bosta minn dawn id-dispożizzjonijiet li ddefenda bil-qawwa matul in-negozjati tal-QFP preċedenti;

28. Jemmen li għadu neċessarju tishiġ ulterjuri ta' dawn id-dispożizzjonijiet bil-għan li jiġu indirizzati aħjar l-isfidi l-ġodda, l-avvenimenti imprevisi u l-prijoritajiet politiċi f'evoluzzjoni li jinqalgħu matul l-implimentazzjoni ta' pjan fit-tul, b'għall-QFP; jitlob flessibilità msaħħa għall-QFP li jmiss, li għandha tippermetti li jiġu sfruttati kemm jista' jkun il-limiti massimi tal-QFP globali għall-impenji u għall-pagamenti;

*Mekkaniżmi ta' flessibilità fil-QFP*

29. Iqis li l-limiti massimi tal-QFP li jmiss għandhom ikunu f'fissati f'livell li jippermetti mhux biss il-finanzjament tal-politiki tal-UE, iżda wkoll l-għoti ta' marġnijiet suffiċjenti fl-impenji għal kull intestatura;
30. Jinsab konvint li l-marġnijiet mhux allokatati kollha għandhom jiġu riportati mingħajr restrizzjonijiet għas-snin finanzjarji sussegwenti u jiġu mobilizzati mill-awtorità baġitarja, għal kwalunkwe skop meqjus neċessarju, fil-proċedura baġitarja annwali; jitlob, għalhekk, li jinżammu l-marġnijiet globali għall-impenji, iżda mingħajr l-ebda restrizzjoni ta' ambitu u ta' żmien;
31. Ifakkar li l-marġni globali għall-impenji jista' jimmobilizza biss il-marġnijiet mhux allokatati sa sena N-1, ladarba jkunu ġew ikkonfermati permezz l-aġġustament tekniku qabel il-preżentazzjoni tal-Abbozz ta' Baġit; iqis, madankollu, li huwa essenzjali li jiġu eżaminati modi li bihom jiġu mobilizzati wkoll marġnijiet mhux allokatati tas-sena N, bil-għan li xorta jitħalla l-finanzjament tal-bżonnijiet addizzjonali li jistgħu jinqalgħu matul is-sena;
32. Jemmen bis-saħħa li l-impenji awtorizzati mill-awtorità baġitarja għandhom jintużaw għall-iskop oriġinarju tagħhom u li għandu jsir kull sforz biex ikun żgurat li dan ikun il-każ fl-oqsma politiċi kollha kemm huma; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tkompli taħdem attivament f'din id-direzzjoni; huwa konvint, madankollu, li jekk id-diżimpenji tassew iseħħu, b'halha konsegwenza tan-nuqqas ta' implimentazzjoni totali jew parzjali tal-azzjonijiet li għalihom kienu allokatati, għandhom jerġgħu jkunu disponibbli fil-baġit tal-UE u għandhom jiġu mobilizzati mill-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali; iqis li d-diżimpenji għandhom jidħlu direttament fil-marġni globali għall-impenji, u mhux fi kwalunkwe strument jew riżerva speċjali partikolari;
33. Ifakkar li d-diżimpenji joħorġu mill-impenji li diġà kienu ġew awtorizzati mill-awtorità baġitarja u li normalment kellhom jirriżultaw f'pagamenti korrispondenti, li kieku l-azzjoni li kellhom jiffinanzjaw tkun saret kif ippjanat; jisħaq, madankollu, fuq il-fatt li r-riċiklaġġ tad-diżimpenji fil-baġit tal-UE huwa ġustifikat b'mod debitu, iżda ma għandux ikun mezz li jelludi r-regoli rilevanti tad-diżimpenji li huma stabbiliti fir-regolamenti settorjali;
34. Jindika l-bżonn li jkun żgurat riport sħiġ tal-marġni tal-pagamenti permezz tal-marġni globali għall-pagamenti fil-QFP kollu kemm hu; jopponi kull restrizzjoni jew limitu massimu applikati għal-livell ta' marġnijiet li jistgħu jkunu trasferiti, kif hu l-każ fil-QFP attwali, u jfakkar li dawn il-marġnijiet jistgħu jiġu mobilizzati biss jekk u sal-punt li l-awtorità baġitarja tiddeċiedi f'dan is-sens; jisħaq fuq il-fatt li l-Marġni Globali għall-Pagamenti jista' jkun strumentali biex jilqa' għal kwalunkwe kriżi ġdida ta' pagamenti li tista' tinqala';



35. Jisħaq fuq il-possibbiltà li r-reviżjoni tal-livelli massimi għandha tibqa' għażla fir-Regolament dwar il-QFP f'każ li jseħħu avvenimenti imprevisti, meta l-ħtiġijiet ta' finanzjament ikunu jeżawrixxu jew jisbqu l-marġnijiet u l-istrumenti speċjali disponibbli; jappella biex ir-Regolament dwar il-QFP jipprevedi proċedura simplifikata għal reviżjoni mmirata taħt livell limitu maqbul;
36. Jirrakkomanda li tinżamm il-possibbiltà ta' forniment minn qabel jew ta' posponiment lejn tmiem il-perjodu tal-finanzjament ta' kwalunkwe programm tal-UE, biex tkun tista' ssir azzjoni kontroċiklika li tikkorrispondi għar-ritmu tal-implimentazzjoni proprja u biex jiġi pprovdut rispons sinifikanti għal kriżijiet kbar; jappella, barra minn hekk, għall-flessibbiltà leġiżlattiva – bħalissa minquxa fil-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) – li tippermetti li jsir aġġustament fil-pakkett globali ta' programmi adottat bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja sa +/-10 %, biex jiżdied b'mod ulterjuri għal +/-15 %;
37. Jindika l-flessibbiltà li tista' tinkiseb permezz tat-trasferimenti fi ħdan l-istess intestatura tal-QFP, bil-għan li r-riżorsi finanzjarji jitqiegħdu eżatt fejn meħtieġa u tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar tal-baġit tal-UE; iqis li numru inferjuri ta' intestaturi jikkontribwixxi għal flessibbiltà akbar fil-QFP; jitlob, madankollu, li l-Kummissjoni tinforma u tikkonsulta b'mod proattiv lill-awtorità tal-baġit meta tadotta trasferimenti awtonomi sinifikanti;

#### *Strumenti speċjali tal-QFP*

38. Japprova l-arkitettura ġenerali tal-istrumenti speċjali tal-QFP, partikolarment l-Istrument ta' Flessibbiltà, ir-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE u l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), u jirimarka l-mobilizzazzjoni estensiva tagħhom fl-ambitu tal-QFP attwali; jitlob li jitjiebu l-pakketti finanzjarji u d-dispożizzjonijiet ta' funzjonament tagħhom;
39. Jitlob, partikolarment, żieda sostanzjali fil-pakkett finanzjarju tal-Istrument ta' Flessibbiltà b'allokazzjoni annwali li tilħaq almenu EUR 2 biljun; ifakkar li l-Istrument ta' Flessibbiltà mhuwa marbut mal-ebda qasam politiku speċifiku u jista' għaldaqstant jiġi mobilizzat għal kwalunkwe skop li jiġi kkunsidrat neċessarju; iqis, għalhekk, li dan l-istrument jista' jkun mobilizzat biex ikopri kwalunkwe bżonn finanzjarju ġdid meta jinqala' matul il-QFP;
40. Jindika r-rwol tar-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza fil-provvista ta' risposta rapida għar-reqwiziti ta' għajjnuna speċifiċi ta' pajjiżi terzi għal avvenimenti imprevisti, u jenfasizza l-importanza partikolari tiegħu fil-kuntest attwali; jitlob żieda sostanzjali fil-pakkett finanzjarju tiegħu sa allokazzjoni annwali ta' EUR 1 biljun;
41. Josserva, b'mod partikolari, il-mobilizzazzjoni notevoli tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex jagħti assistenza f'għadd ta' diżastri naturali gravi b'konsegwenzi baġitarji sostanzjali; jenfasizza wkoll l-impatt pożittiv li dan l-istrument iħalli fuq l-opinjoni pubblika; jipproponi t-tisih tal-pakkett finanzjarju tiegħu b'allokazzjoni annwali li tilħaq EUR 1 biljun;
42. Iqis li l-użu tal-FEG, li jagħti solidarjetà u appoġġ tal-UE lill-ħaddiema li tilfu xogħolhom minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji kkawżati mill-globalizzazzjoni jew bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali,

ma wassalx biex jintuża l-potenzjal sħiħ tiegħu u jista' jitjieb u jiġi integrat ulterjorment fi ħdan strateġija fuq terminu twil, sabiex b'mod effikaċi jilħaq u jintegra mill-ġdid ħaddiema ssensjati fis-suq tax-xogħol, fl-Istati Membri kollha; iqis li r-reviżjoni imminenti tal-FEG għandha teżamina l-iskop tiegħu u ttejjeb il-koordinazzjoni tiegħu ma' strumenti oħra; jemmen li FEG rivedut għandu jkun mgħammar b'almenu allokkazzjoni annwali identika fil-QFP il-ġdid;

43. Jipproponi l-ħolqien ta' riżerva speċjali għall-istrumenti speċjali tal-QFP ibbażata fuq l-appropriazzjonijiet li ma ntefqux li jiddekadu minn kull strument; iqis li din ir-riżerva għandha topera mingħajr ebda limitu temporali; jitlob li din ir-riżerva tkun mobilizzata favur kwalunkwe strument speċjali tal-QFP li, b'segwitu għal deċiżjoni tal-awtorità baġitarja, jintalab ikopri b'zonn finanzjarju oġhla mill-kapaċità finanzjarja tiegħu;
44. Josserva li attwalment jiġu applikati regoli differenti fir-rigward tat-tul ta' żmien għar-riport tal-appropriazzjonijiet li ma ntefqux għal kull strument speċjali tal-QFP; iqis li dawn għandhom ikunu armonizzati b'tali mod li titħalla l-applikazzjoni ta' regola N+1 waħda għal dawn l-istrumenti kollha;
45. Iqis li l-marġni ta' kontinġenza għandu jinżamm bħala strument li jintuża bħala l-aħħar riżorsa; jisħaq li dan huwa strument speċjali li jista' wkoll jiġi mobilizzat għall-appropriazzjonijiet ta' pagament biss, u li l-mobilizzazzjoni tiegħu kienet strumentali biex tingħeleb il-kriżi tal-pagamenti tal-2014; jitlob, għaldaqstant, aġġustament 'il fuq tal-allokkazzjoni annwali massima tiegħu għal 0,05 % tal-ING tal-UE;
46. Jissottolinja li l-istrumenti speċjali tal-QFP għandhom ikunu kkalkolati barra mil-limiti massimi tal-QFP kemm għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll ta' pagament; iqis li l-problema tal-inklużjoni fil-baġit tal-pagamenti ta' dawn l-istrumenti ġiet solvuta b'mod inekwivokabbli matul ir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP 2014-2020, b'hekk intemm il-kunflitt ta' interpretazzjoni li ilu għaddej mal-Kunsill; jawspika l-introduzzjoni ta' dispożizzjoni ċara fir-Regolament dwar il-QFP, skont liema l-pagamenti li jirriżultaw mill-mobilizzazzjoni ta' appropriazzjonijiet ta' impenn għall-istrumenti speċjali tal-QFP għandhom ikunu kkalkolati barra mil-limiti massimi ta' pagament annwali tal-QFP;
47. Jinnota li l-FII attwali jeħtieġ maġġoranza sempliċi fil-Parlament għall-mobilizzazzjoni ta' tliet strumenti speċjali tal-QFP; iqis li din id-dispożizzjoni hija obsoleta, peress li tirrifletti l-maġġoranzi speċjali meħtieġa għall-adozzjoni tal-baġit tal-UE qabel it-Trattat ta' Lisbona; jappella biex ikun hemm approċċ omoġenu fir-rigward tar-rekwiżiti tal-votazzjoni għall-mobilizzazzjoni ta' dawn l-istrumenti, li għandhom ikunu l-istess bħal dawk tal-adozzjoni tal-baġit tal-UE;

#### *Dħul – riżerva speċjali*

48. Itenni l-pożizzjoni tiegħu meħuda żmien ilu skont liema kwalunkwe dħul li jirriżulta minn multi imposti lill-kumpaniji li jiksru r-regoli dwar il-kompetizzjoni tal-UE jew marbuta ma' pagamenti tardivi tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali fil-baġit tal-UE għandhom jikkostitwixxu partita supplimentari ta' dħul għall-baġit tal-UE, mingħajr tnaqqis korrispondenti fil-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq l-ING;
49. Jitlob, għal dan l-għan, l-istabbiliment ta' riżerva speċjali fil-baġit tal-UE, li se timtela progressivament bit-tipi kollha ta' dħul ieħor imprevist u riportata kif xieraq biex

tippovdi possibilitajiet ta' nfiq addizzjonali meta jkun hemm il-ħtieġa; iqis li din ir-riżerva għandha tkun riżervata għall-istrumenti speċjali tal-QFP u għandha tippovdi għal żidiet addizzjonali, kemm f'impenji kif ukoll f'pagamenti, fuq deċiżjoni tal-awtorità baġitarja;

#### *Użu effiċjenti u effikaċi tar-riżorsi tal-UE*

50. Jirrikonoxxi li l-kisba ta' valur miżjud Ewropew għandha tkun wieħed mill-prinċipji fundamentali li jiggwidaw l-istituzzjonijiet tal-UE fil-mument ta' deċiżjoni dwar it-tip ta' nfiq fil-QFP li jmiss; jirimarka, madankollu, l-eżistenza ta' bosta interpretazzjonijiet tal-kunċett u jitlob definizzjoni unika, ċara u li tkun tista' faċilment tinftiehem tal-kriterji rilevanti li għandhom iqisu l-ispeċifitajiet territorjali u jinkludu, fejn possibbli, indikaturi ta' prestazzjoni li jistgħu jitkejlu; iwissi kontra kwalunkwe tentattiv ta' użu ta' tali definizzjoni sabiex iqiegħed f'dubju r-rilevanza tal-politiki u l-programmi tal-UE purament dwar kunsiderazzjonijiet ekonomiċi kwantitattivi jew fuq terminu qasir;
51. Josserva r-referenza għan-nozzjoni ta' valur miżjud Ewropew ippreżentata f'diversi dokumenti tal-Kummissjoni; itenni l-lista tal-parametri identifikati mill-Parlament fir-riżoluzzjoni msemmija hawn fuq tal-24 ta' Ottubru 2017 tiegħu f'dan il-kuntest; ifakkar li r-riżorsi tal-UE għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw beni pubbliċi Ewropej u jaġixxu bħala katalizzatur fl-għoti ta' inċentivi lill-Istati Membri fil-livelli amministrattivi kollha ħalli jaġixxu bil-għan li jissodisfaw l-oġettivi tat-Trattat u jilħqu oġettivi komuni tal-UE li altrimenti ma jkunux realizzati; jaqbel li l-baġit tal-UE għandu jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet li tista' tibbenefika minnhom l-UE fl-intier tagħha, u dan ma jstax ikun żgurat b'mod effikaċi mill-ebda Stat Membru waħdu u li jista' joffri valur aħjar għall-flus meta mqabbel ma' azzjonijiet meħudin esklużivament fl-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali; jemmen, barra minn hekk, li l-baġit tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-istabbiliment u għall-appoġġ tal-paċi u tal-istabbiltà fil-viċinat tal-UE u lil hinn minnu; iqis li l-valur miżjud Ewropew jinholq minn programmi f'ġestjoni kemm kondiviża kif ukoll diretta, biż-żewġ metodi li jkunu komplementari biex jintlaħqu l-miri tal-UE; f'dan il-kuntest, jistenna l-Istati Membri, biex fin-negozjati dwar il-QFP li jmiss, iżommu lura milli jsegwu loġika ta' "juste retour" li tqis biss l-interessi nazzjonali fil-forma ta' bilanċi netti;
52. Iqis li nfiq aħjar, jiġifieri l-użu effiċjenti u nondiskriminatorju ta' kull euro tal-baġit tal-UE, jista' jsir mhux biss billi r-riżorsi tal-UE jiġu orjentati lejn l-azzjonijiet bl-ogħla valur miżjud Ewropew u bl-akbar żieda f'termini ta' riżultati tal-politiki u tal-programmi tal-UE, abbażi ta' valutazzjoni fil-fond tan-nefqa attwali, iżda wkoll billi jinkisbu aktar sinerġiji bejn il-baġit tal-UE u l-baġit nazzjonali, u billi jiġi żgurat it-titjib tanġibbli tal-arkitettura tal-infiq; jappoġġja r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Annwali tal-2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, għal qafas ta' kejl effiċjenti ta' indikaturi, rapportar aktar issimplifikat u bbilanċjat dwar il-prestazzjoni, u aċċess aktar faċli għar-riżultati tal-valutazzjoni;
53. Jitlob semplifikazzjoni reali tas-sistema tal-baġit tal-UE fil-QFP li jmiss bil-għan li jiġi ffaċilitat l-assorbiment; jissottolinja, b'mod partikolari, il-bżonn li jitnaqqsu s-sovrappożizzjonijiet mhux meħtieġa bejn l-istrumenti li jservu tipi simili ta' azzjonijiet, pereżempju fis-setturi tal-innovazzjoni, tal-SMEs jew tat-trasport, mingħajr ma jkun hemm ir-riskju li jintilfu elementi importanti tal-programmi differenti, u l-bżonn li tiġi eliminata l-kompetizzjoni li teżisti bejn id-diversi forom u għejun ta' finanzjament, bil-għan li tkun żgurata l-komplementarjetà massima u jingħata qafas finanzjarju koerenti;

jemmen li dan jista' jiffaċilita komunikazzjoni aktar ċara tal-prijoritajiet tal-UE liċ-ċittadini;

54. Jissottolinja li l-"verifika tal-istat tas-saħħa" tal-infiq tal-UE ma tistax tipprevedi tnaqqis tal-livell ta' ambizzjoni tal-UE jew settorjalizzazzjoni tal-politiki u tal-programmi tal-UE, u lanqas ma għandha twassal għal sostituzzjoni tal-għotjiet bi strumenti finanzjarji biex ikunu jistgħu jiġu ffrankati f'it flus, inkwantu l-maġġoranza l-kbira tal-azzjonijiet appoġġjati mill-baġit tal-UE mhijiex idonea li tkun iffinanzjata minn dan tal-aħħar; huwa tal-fehma li l-"verifika tal-istat tas-saħħa" għandha pjuttost twassal għall-identifikazzjoni ta' modi li bihom tista' tittejjeb l-implimentazzjoni tal-programmi ta' nfiq tal-UE;
55. Jitlob armonizzazzjoni wiesgħa tar-regoli, bil-għan li tinholq ġabra unika tar-regoli għall-istrumenti baġitarja kollha tal-UE, filwaqt li jitqiesu karattersitiċi speċifiċi għall-fondi u speċifiċi għas-settur; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tal-kombinazzjoni tad-diversi għejun ta' finanzjament billi tipprovdi linji gwida ċari f'dan ir-rigward u tiżgura aċċess ugwali fit-tipi kollha ta' finanzjament fl-Istati Membri kollha;
56. Huwa favur ukoll semplifikazzjoni reali tar-regoli ta' implimentazzjoni għall-benefiċjarji kif ukoll tnaqqis fil-piżijiet amministrattivi permezz ta' aktar standardizzazzjoni u semplifikazzjoni tal-proċeduri u tad-dokumenti ta' programmazzjoni; jirrimarka, barra minn hekk, dwar il-ħtieġa li jiġu pprovduti aktar bini ta' kapaċità u assistenza teknika għall-benefiċjarji; jitlob li jkun hemm pass lejn evalwazzjoni bbażata fuq ir-riskju;

#### *Unità, eżattezza tal-baġit u trasparenza*

57. Ifakkar li l-prinċipju tal-unità tal-baġit, skont liema d-dħul u n-nefqa kollha tal-Unjoni għandhom jidhru fil-baġit, huwa rekwiżit previst mit-Trattat u kundizzjoni demokratika bażika, jekk jeħtieġ li jkun hemm baġit trasparenti, leġittimu u responsabbli; jiddispjaċih li dan il-prinċipju maż-żmien mhuwiex qiegħed jiġi osservat aktar, filwaqt li l-kumplessità finanzjarja kibret, storikament fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, wara għadda mit-twaqqif tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, sal-inflazzjoni reċenti ta' mekkaniżmi ad hoc barra mill-baġit fil-forma ta' strumenti finanzjarji innovattivi u fondi fiduċjarji jew strumenti esterni li mhumiex irreġistrati fil-karta bilanċjali tal-Unjoni;
58. Għandu dubji dwar il-ġustifikazzjoni u l-valur miżjud tal-ħolqien ta' strumenti barra mill-baġit tal-Unjoni; iqis li d-deċizzjonijiet biex jinħolqu u jinżammu dawn l-istrumenti huma fir-realtà xprunati mit-tentattiv li jinħbew il-bżonnijiet finanzjarji reali u li jkunu evitati r-restrizzjonijiet tal-QFP u tal-limiti massimi tar-riżorsi proprji; jiddeplora l-fatt li dawn l-istrumenti spiss iwasslu wkoll biex, fir-responsabbiltà tripla tiegħu bħala awtorità leġiżlattiva, baġitarja u ta' kontroll, il-Parlament jinqabeż, u jmorru kontra l-objettiv li jkun hemm aktar trasparenza għall-pubbliku ġenerali u l-benefiċjarji;
59. Itenni, għaldaqstant, il-pożizzjoni li ilu li adotta dwar il-fatt li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, flimkien mal-istrumenti l-oħra barra mill-QFP, għandu jiġi integrat fil-baġit tal-Unjoni sabiex iżid il-leġittimità tiegħu kif ukoll l-effiċjenza u l-effikaċja tal-politika ta' żvilupp tal-Unjoni; jissottolinja, madankollu, li l-pakketti finanzjarji rispettivi għandhom jiżdiedu lil hinn mil-limiti massimi maqbula tal-QFP b'tali mod li l-inklużjoni fil-baġit ta' dawn l-istrumenti ma tħalli ebda impatt negattiv fuq il-

finanzjament tagħhom, jew fuq programmi u politiki oħrajn tal-UE; jilqa', fil-prinċipju, il-proposta li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà tiġi inkorporata fil-finanzi tal-Unjoni fil-forma ta' Fond Monetarju Ewropew, mingħajr preġudizzju għall-proġettazzjoni futura tiegħu;

60. Huwa tal-fehma li l-fondi fiduċjarji tal-UE jistgħu jżidu l-valur billi jiġbru flimkien riżorsi minn diversi donaturi għal sitwazzjonijiet speċifiċi, iżda li l-użu tagħhom m'għandux jirriżulta f'sempliċi tikkettar mill-ġdid tal-finanzjament ippjanat tal-UE, u m'għandux jibdel l-oġettivi oriġinali tal-istrumenti finanzjarji tal-UE; jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm skrutinju parlamentari akbar tal-ħolqien u l-implimentazzjoni tagħhom; jinsisti li l-fondi fiduċjarji tal-UE għandhom jappoġġjaw biss azzjonijiet barra mill-Unjoni;
61. Iqis ukoll li, meta ċerta parti ta' operazzjonijiet barra mill-baġit tkun ikkunsidrata neċessarja biex jintlaħqu ċerti oġettivi speċifiċi, pereżempju permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji jew fondi fiduċjarji, dawn għandhom jinżammu f'livell u tul ta' żmien limitati u għandhom ikunu totalment trasparenti, ġustifikati minn addizzjonalità u valur miżjud ippruvati, u appoġġjati minn dispożizzjonijiet sodi fil-qasam tal-obbligu ta' rendikont u proċeduri b'saħħithom ta' teħid ta' deċizzjonijiet;
62. Jemmen li, fil-QFP li jmiss, il-baġit tal-Unjoni għandu juri b'aktar eżattezza il-kobor tad-dħul assenjat u l-impatt tiegħu fuq in-nefqa reali, b'mod partikolari dawk li ġejjin mill-kontribuzzjonijiet tal-pajjiżi terzi; jissottolinja li dan huwa saħansitra aktar rilevanti fid-dawl tax-xewqa tar-Renju Unit li jipparteċipa f'xi programmi tal-baġit tal-Unjoni tal-QFP ta' wara l-2020 il-ġdid bħala Stat mhux Membru, kif espress fil-kuntest tan-negożjati dwar il-ħruġ tiegħu mill-Unjoni;

#### *Livell tal-pagamenti*

63. Ifakkar li l-approprijazzjonijiet ta' pagament huma l-konsegwenza loġika u legali ta' approprijazzjonijiet ta' impenn, u jitlob li l-limiti massimi ta' pagament futuri jkunu stabbiliti f'livell xieraq, li jħallu biss distakk limitat u realistiku bejn l-impenji u l-pagamenti; jistenna li l-livelli massimi ta' pagament futuri jikkunsidraw, fuq naħa waħda, il-bżonn li jiġu onorati l-impenji li jirriżultaw mill-perjodu finanzjarju attwali li se jsiru pagamenti biss wara l-2020 u, min-naħa l-oħra, tal-ħtieġa li jintlaħqu l-impenji għall-programmi u l-istrumenti wara l-2020;
64. Ifakkar fl-akkumulazzjoni ta' kontijiet mhux imħallsa pendenti fl-aħħar tal-QFP preċedenti li kellha riperkussjonijiet f'dak attwali u jwissi kontra r-ripetizzjoni ta' tali kriżi ta' pagamenti fit-tranżizzjoni għall-QFP li jmiss, peress li din ikollha konsegwenzi serji għall-benefiċjarji bħal studenti, universitajiet, SMEs u riċerkaturi; jiġbed l-attenzjoni lejn it-tendenza attwali ta' sottoeżekuzzjoni fil-pagamenti minħabba dewmien fl-implimentazzjoni tal-programmi 2014-2020, li twassal għal livelli dejjem akbar ta' impenji pendenti li għadhom iridu jitħallsu fi ħdan il-limiti massimi tal-QFP li jmiss; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, inkluż fil-livell tal-ministri tal-finanzi, biex janalizzaw il-kawżi ewlenin ta' dan id-dewmien u biex joħorġu b'miżuri konkreti ta' simplifikazzjoni biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni fil-futur;
65. Jinnota l-eżitu preliminari tan-negożjati dwar is-saldu finanzjarju fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, li jipprevedi l-parteciċipazzjoni sħiħa tar-Renju Unit fil-finanzjament u fl-implimentazzjoni tal-programmi 2014-2020 bil-konsegwenzi

finanzjarji kollha rilevanti;

### *Strumenti finanzjarji*

66. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu għad-dispożizzjoni tiegħu firxa wiesgħa ta' strumenti li jiffinanzjaw attivitajiet appoġġjati fil-livell tal-UE u li jistgħu jinġabru f'żewġ kategoriji, jiġifieri għotjiet fuq naħa waħda, u strumenti finanzjarji fil-forma ta' garanziji, self, kondivizzjoni tar-riskji jew ekwità fuq in-naħa l-oħra; ifakkar ukoll fil-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, li l-għan tiegħu huwa l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u pubbliku fl-UE kollha favur proġetti f'setturi ewlenin għall-ekonomija tal-UE, sabiex jiġi integrat il-finanzjament pubbliku limitat;
67. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-istrumenti finanzjarji biex iżidu l-impatt ekonomiku u politiku tal-baġit tal-Unjoni; jenfasizza, madankollu, li dawn jistgħu jiġu applikati biss għal proġetti li jiġġeneraw dħul f'każijiet ta' kundizzjonijiet ta' investment subottimali jew falliment tas-suq, u għalhekk jikkostitwixxu biss forma ta' finanzjament komplementari minflok waħda alternattiva meta mqabbla ma' għotjiet; jenfasizza li l-istrumenti finanzjarji ma għandux ikollhom l-għan li jissostitwixxu skemi eżistenti ta' finanzjament pubbliċi jew privati u għandhom jikkonformu mal-impenji domestiċi u internazzjonali;
68. Ifakkar fit-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tidentifika dawk l-oqsma li huma moqdiya l-aħjar bl-għotjiet, dawk li jistgħu jkunu adattati aħjar bi strumenti finanzjarji, u dawk fejn l-għotjiet jistgħu jiġu kkombinati ma' strumenti finanzjarji u biex tirrifletti dwar bilanċ xieraq bejn it-tnejn; jinsab konvint li s-sussidji għandhom jibqgħu l-metodu predominanti għall-finanzjament tal-proġetti tal-UE fil-QFP li jmiss; jissottolinja li s-self, il-garanziji, il-qsim tar-riskji u l-finanzjament mill-bejgħ ta' ishma għandhom jintużaw b'kawtela, fuq il-bażi ta' valutazzjonijiet ex ante xierqa u biss meta l-użu tagħhom ikun jista' juri valur miżjud ċar u effett ta' lieva; jinnota li jista' jittejjeb l-użu tal-istrumenti finanzjarji u s-sinerġiji mal-għotjiet; jitlob li jkun hemm sforzi kbar biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-istrumenti finanzjarji għall-benefiċjarji, u għal aktar flessibilità fl-użu transsettorjali tas-sistemi finanzjarji differenti, sabiex jingħelbu r-regoli restrittivi li jipprevjenu lill-benefiċjarji milli jieħdu vantaġġ ta' programmi multipli għal proġetti b'għanijiet korrispondenti;
69. Jistieden lill-Kummissjoni tissemplifika u tarmonizza r-regoli li jirregolaw l-użu tal-istrumenti finanzjarji fil-QFP li jmiss bl-għan li toħloq sinerġiji bejn l-istrumenti differenti u timmassimizza l-applikazzjoni effiċjenti tagħhom; jieħu nota ta' proposta possibbli, li tkun teħtieġ diskussjoni fil-fond, għal fond uniku li jintegra l-istrumenti finanzjarji fil-livell tal-UE li huma ġestiti b'mod ċentralizzat; huwa tal-opinjoni li għandha tiġi pprovduta struttura ċara għall-għażla ta' tipi differenti ta' strumenti finanzjarji għal oqsma politiċi u tipi ta' azzjonijiet differenti u li l-istrumenti finanzjarji rilevanti għandhom ikomplu jiġu bbaġitjati taħt linji baġitarji separati sabiex tiġi pprovduta ċarezza tal-istrumenti; jissottolinja, madankollu, li tali armonizzazzjoni tar-regoli ma tistax taffettwa l-istrumenti finanzjarji ġestiti mill-Istati Membri fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni jew fil-qasam tal-azzjonijiet esterni;
70. Ifakkar fl-appelli ripetuti tiegħu għal aktar trasparenza u skrutinju demokratiku fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji appoġġjati mill-baġit tal-Unjoni;

### *Struttura*

71. Iqis li jkun tajjeb li l-istruttura tal-QFP li jmiss tipprevedi aktar viżibbiltà tal-prijoritajiet politiċi u baġitarji tal-UE għaċ-ċittadini Ewropej, u jagħmel appell għal preżentazzjoni aktar ċara tal-oqsma kollha tal-infiq tal-UE; jinsab konvint li l-pilastri prinċipali tal-infiq futur tal-Unjoni spjegati f'din ir-riżoluzzjoni għandhom ikunu riflessi kif xieraq;
72. Jemmen, għaldaqstant, li l-preżentazzjoni attwali tal-intestaturi tirrikjedi ċertu titjib, iżda huwa kontra kwalunkwe bidla radikali inġustifikata; jipproponi, konsegwentement, l-istruttura segwenti għall-QFP ta' wara l-2020;

### **Intestatura 1: Ekonomija aktar b'saħħitha u sostenibbli**

Inklużi programmi u strumenti li jappoġġjaw:  
taħt ġestjoni diretta

- ir-riċerka u l-innovazzjoni
- l-industrija, l-impreditorija u l-impriżi żgħar u ta' daqs medju
- it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u s-soċjetà
- il-proġetti infrastrutturali l-kbar
- it-trasport, l-enerġija, l-ispazju
- l-ambjent u l-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima

### **Intestatura 2: Aktar koeżjoni u solidarjetà fl-Ewropa**

Inklużi programmi u strumenti li jappoġġjaw:

- il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali (taħt ġestjoni konġunta):
  - l-investimenti fl-innovazzjoni, fir-riċerka, fid-diġitalizzazzjoni, fit-tranżizzjoni industrijali, fl-SMEs, fit-trasport, fl-adattament u l-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima, fl-ambjent u fl-enerġija
  - l-impjiegi, l-affarijiet soċjali u l-inklużjoni soċjali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tnaqqis tal-faqar u l-isfidi demografiċi
- l-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u t-tagħlim tul il-ħajja;
- il-kultura, iċ-ċittadinanza, il-midja u l-komunikazzjoni
- id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali
- is-saħħa u s-sikurezza tal-ikel
- l-asil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni, il-ġustizzja u l-konsumaturi
- l-appoġġ għall-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-koordinament magħhom

### **Intestatura 3: Agrikoltura u sajd aktar b'saħħithom u sostenibbli**

Inklużi programmi u strumenti li jappoġġjaw:

- l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali
- l-affarijiet marittimi u s-sajd

### **Intestatura 4: Aktar responsabbiltà fid-dinja**

Inklużi programmi u strumenti li jappoġġjaw:

- il-kooperazzjoni internazzjonali u l-iżvilupp
- il-viċinat

- it-tkabbir
- l-għajnuna umanitarja
- id-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-ugwaljanza bejn is-sessi
- il-kummerç

#### **Intestatura 5: Sigurtà, paċi u stabbiltà għal kulħadd**

Inklużi programmi u strumenti li jappoġġjaw:

- is-sigurtà, inkluża ċ-ċibersigurtà
- ir-risposta għall-kriżijiet u l-istabbiltà, inkluża l-protezzjoni ċivili
- il-politika estera u ta' sigurtà komuni
- ir-riċerka, inkluż ir-riċerka u l-innovazzjoni

#### **Intestatura 6: Amministrazzjoni effiċjenti għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej**

- finanzjament tal-persunal tal-UE
- finanzjament tal-bini u tat-tagħmir tal-istituzzjonijiet tal-UE

73. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi f'anness mal-baġit Ewropew in-nefqa kollha marbuta mal-UE li ssir barra mill-baġit tal-UE bħala riżultat ta' ftehimiet u proċeduri intergovernattivi; jemmen li din l-informazzjoni, mogħtija fuq bażi annwali, tkun tikkompleta l-istampa tal-investimenti kollha li magħhom l-Istati Membri impenjaw ruħhom fil-livell Ewropew;

### ***III. Politiki***

#### *Ekonomija aktar b'saħħitha u sostenibbli*

74. Jenfasizza l-importanza li jkunu kkompletati ż-żona Ewropea tar-riċerka, l-unjoni tal-enerġija, iż-żona unika Ewropea tat-trasport u s-suq uniku diġitali bħala elementi fundamentali tas-suq uniku Ewropew;
75. Jemmen li l-QFP li jmiss għandu jipprevedi aktar konċentrazzjoni tar-riżorsi baġitarji f'oqsma li juru valur miżjud Ewropew ċar u jstimulaw it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-impjiegi madwar ir-reġjuni kollha tal-UE; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq l-importanza tar-riċerka u tal-innovazzjoni fil-ħolqien ta' ekonomija sostenibbli bbażata fuq l-għarfien u li tinsab fuq quddiem nett fil-livell dinji, u jiddispaċi li, minħabba n-nuqqas ta' finanzjament adegwat, parti zġhira biss tal-proġetti ta' kwalità għolja f'dan il-qasam ibbenefikat mill-finanzjament tal-UE fl-ambitu tal-QFP attwali;
76. Jitlob, għalhekk, żieda sostanzjali tal-baġit kumplessiv allokat għad-disa' Programm Qafas (FP9) fil-QFP li jmiss, li għandha tkun iffissata f'livell ta' almenu EUR 120 biljun; iqis li dan il-livell huwa xieraq biex jiggarantixxi l-kompetittività globali u r-rwol ta' tmexxija xjentifika, teknoloġika u industrijali tal-Ewropa, biex twieġeb għall-isfidi tas-soċjetà u biex tikkontribwixxi ħalli jintlaħqu l-oġettivi klimatiċi



tal-UE u l-SDGs; jappella, b'mod partikolari, li jsiru sforzi sabiex tiġi stimolata innovazzjoni rivoluzzjonarja u li toħloq is-suq, notevolment għall-SMEs;

77. Jitlob, barra minn hekk, enfasi akbar fuq l-implimentazzjoni tar-riċerka u tal-innovazzjoni permezz ta' impriżi konġunti u strumenti oħra u għall-appoġġ tal-investimenti f'teknoloġiji kruċjali biex tkun eliminata d-diskrepanza fl-investment fil-qasam tal-innovazzjoni; jenfasizza li ż-żieda fir-riżorsi trid tkun akkumpanjata minn simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' finanzjament; jilqa' l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni f'dan ir-rigward u jinsisti biex dawn ikompli fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss sabiex jingħata aċċess aħjar u kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-applikanti permezz ta' sistema ġdida għall-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati miżuri biex jistimulaw parteċipazzjoni bbilanċjata mill-Istati Membri kollha tal-UE;
78. Jilqa' l-proposta reċenti tal-Kummissjoni sabiex jiġi żgurat il-finanzjament tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar għas-snin li ġejjin; jenfasizza l-importanza ta' dan il-fond sabiex tiġi ffinanzjata r-riċerka f'dan is-settur industrijali; jemmen, għalhekk, li hija meħtieġa soluzzjoni fit-tul li tiżgura l-finanzjament wara l-2020 u li tinkorpora wkoll il-fond fil-baġit tal-Unjoni sabiex jippermetti lill-Parlament jaqdi r-rwol tiegħu bħala awtorità għall-kontroll tal-baġit;
79. Jenfasizza li l-SMEs u l-mikrointrapriżi huma l-muturi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-impjiegi, u jipprovdu 85 % tal-impjiegi ġodda kollha; jirrikonoxxi r-rwol importanti tagħhom biex jiġi żgurat l-irkupru ekonomiku u tingħata spinta lil ekonomija sostenibbli tal-UE; ifakkar li hemm aktar minn 20 miljun SME fl-UE u li dawn jammontaw għal 99 % tan-negozji kollha; iqis li t-titjib tal-aċċess għall-finanzjamenti għall-SMEs, madwar l-Istati Membri kollha, għandu jkompli jibqa' objettiv politiku importanti għall-QFP li jmiss, sabiex titjeb aktar il-kompetittività u s-sostenibbiltà tagħhom; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li tiġi promossa l-intraprenditorija u jittejjeb l-ambjent tan-negozju għall-SMEs sabiex jingħataw il-possibbiltà li jilhq u l-potenzjal kollu tagħhom fl-ekonomija globali tal-lum;
80. Jilqa' s-suċċess tal-programm tal-UE ddedikat għall-kompetittività tal-intrapriżi u tal-SMEs (COSME) taħt il-QFP attwali; jenfasizza l-livell għoli ta' implimentazzjoni ta' dan il-programm, u jirrimarka l-kapaċità tiegħu li jassorbi saħansitra aktar minn hekk; jitlob, għalhekk, li l-pakkett finanzjarju tal-programm COSME jiġi rduppjat sabiex jikkorrispondi għall-ħtiġijiet attwali tal-ekonomija tal-UE u għad-domanda sinifikanti għal parteċipazzjoni;
81. Itenni l-impenn qawwi tiegħu fil-konfront tal-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS), li jimmira li jimmobilizza EUR 500 biljun f'investimenti ġodda fl-ekonomija reali fl-ambitu tal-QFP attwali; jemmen li l-FEIS diġà ta spinta qawwija u mmirata lis-setturi ekonomiċi li jiffavorixxu t-tkabbir sostenibbli u l-impjiegi; jenfasizza l-impatt pożittiv tal-FEIS dwar il-provvediment ta' finanzjament għal SMEs madwar l-Unjoni; jilqa', għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tressaq proposta leġiżlattiva għat-tkomplija u t-titjib ta' din l-iskema ta' investment b'baġit apposta li m'għandux ikun iffinanzjat askapitu tal-politiki u l-programmi eżistenti taħt il-QFP l-ġdid; jisħaq fuq il-fatt li kwalunkwe proposta leġiżlattiva għandha tissejjes fuq il-konklużjonijiet ta' analiżi tal-Kummissjoni u ta' evalwazzjoni indipendenti; jistenna li l-proposta l-ġdida ser tindirizza b'mod effikaċi kwalunkwe nuqqas tal-implimentazzjoni tal-FEIS u ser ittejjeb, inter alia, il-koperatura ġeografika tal-fond, sabiex il-benefiċċji tiegħu jinħassu

madwar l-Unjoni;

82. Jinsisti fuq l-importanza tal-QFP għas-setturi li jiddependu minn investimenti fit-tul, bħas-settur tat-trasport sostenibbli; jenfasizza li l-infrastruttura tat-trasport tikkostitwixxi s-sinsla tas-suq uniku u hija pedament għat-*tkabbir* sostenibbli u għall-*ħolqien* tal-impjegi; jinnota li t-twettiq ta' spazju uniku Ewropew tat-trasport kollegat mal-pajjiżi ġirien jirrikjedi infrastrutturi ewlenin tat-trasport u jrid jitqies bħala prijorità ċentrali għall-kompetittività tal-UE u għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha, inklużi għal żoni periferali u gżejjer; iqis, għaldaqstant, li l-QFP li jmiss għandu jipprevedi biżżejjed finanzjament għal proġetti li jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tlestija tan-netwerk ċentrali TEN-T u tal-kurituri tiegħu, li għandhom ikompli jiġu estiżi; ifakkar l-għanijiet stabbiliti minn COP 21 fir-rigward tat-trasport sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima, u jħeġġeġ lill-Istati Membri biex jinvestu fi trasport pubbliku intelliġenti, sostenibbli u integrat;
83. Jenfasizza li programm CEF aġġornat u aktar effikaċi għandu jkopri l-modi kollha ta' trasport, inkluża l-infrastuttura tat-triq u ferrovjarja, kif ukoll il-passaġġi fuq l-ilma interni; iqis li għandu jipprijoritizza rabtiet akbar bejn in-netwerks u l-modi komprensivi tat-trasport li jikkontribwixxu biex inaqqsu l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, u jiffokaw fuq interkonnessjonijiet u t-tlestija tan-netwerk fiż-żoni periferali; itenni l-importanza li tissaħħaħ l-interoperabbiltà permezz tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju u jippermetti l-użu sħiħ tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew; jitlob li titlesta s-sistema diġitali Ewropea għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;
84. Jitlob li tinholq linja baġitarja speċifika għat-turiżmu fil-QFP li jmiss, sabiex isir pass lejn politika ġenwina Ewropea għat-turiżmu li tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikattiv għat-*tkabbir* u l-*ħolqien* tal-impjegi;
85. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi investiment fl-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-*ġenerazzjoni* li jmiss u tippromwovi l-użu tagħhom; jissottolinja l-importanza li jiġu żgurati l-finanzjamenti għat-tlestija tas-suq uniku diġitali, billi jiġi sfruttat bis-sħiħ l-ispettru, jiġi żgurat l-aġġornament tan-netwerks fissi u d-densifikazzjoni tan-netwerks tal-mowbajl, jiġi promoss il-5G u l-konnettività gigabit, kif ukoll isir progress ulterjuri fl-armonizzazzjoni tar-regoli tal-UE sabiex jinholq il-qafas regolatorju xieraq għat-titjib tal-konnettività tal-internet fl-Unjoni kollha; jenfasizza li s-settur tat-telekomunikazzjonijiet tas-CEF għandu jkompli jappoġġja l-Infrastrutturi tas-Servizz Diġitali u netwerks ta' veloċità kbira billi jsiru aktar aċċessibbli anki fir-reġjuni mbiegħda u fiż-żoni rurali, u billi jitjiebu l-kompetenza diġitali, l-interkonnettività u l-interoperabbiltà; jenfasizza l-*ħtieġa* li tiġi appoġġjata t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej u biex ikun hemm investiment f'teknoloġiji essenzjali bħal Big Data, l-intelliġenza artifiċjali jew il-computing ta' prestazzjoni għolja, f'infrastruttura u f'ħiliet diġitali sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE u tittejjeb il-kwalità tal-*ħajja* tal-Ewropej;
86. Iqis bħala essenzjali l-garanzija ta' provvista enerġetika sostenibbli u bi prezzijiet raġonevoli fl-Ewropa; jitlob, għalhekk, appoġġ kontinwu għall-investimenti li jiżguraw diversifikazzjoni tas-sorsi u tar-rotot tal-enerġija, iż-*żieda* tas-sigurtà enerġetika u l-indipendenza enerġetika, u t-titjib tal-*effiċjenza* enerġetika u l-użu ta' enerġija rinnovabbli, anki permezz tal-Enerġija tas-CEF; jisħaq, partikolarment, fuq l-importanza li jingħata appoġġ komprensiv, speċjalment lir-reġjuni b'livell għoli ta' emissjonijiet ta' karbonju, għat-tranżizzjoni enerġetika, għat-tranżizzjoni lejn ekonomija

b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, għall-modernizzazzjoni tal-ġenerazzjoni ta' enerġija, għat-titjib ta' interkonnessjonijiet transfruntieri u għall-użu tal-grilji intelliġenti, għat-teknoloġiji għall-ġbir, użu u ħżin tal-karbonju u għall-modernizzazzjoni tat-tiġin distrettwali; iqis li t-trasformazzjoni tas-settur tal-enerġija fid-dawl tal-oġġettivi dwar il-klima għandha tiġi appoġġjata kif xieraq, speċjalment f'reġjuni u pajjiżi dipendenti fuq il-faħam, sabiex jikkontribwixxu b'mod effikaċi għal tranżizzjoni strateġika lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet; jappella għall-istabbiliment ta' fond komprensiv sabiex tiġi appoġġjata tranżizzjoni ġusta, partikolarment permezz tal-iżvilupp u t-tqassim ta' sorsi rinnovabbli, soluzzjonijiet ta' enerġija effiċjenti, ħżin tal-enerġija, soluzzjonijiet elettromobbli u infrastruttura, modernizzazzjoni tal-ħolqien tal-enerġija u l-grilji, teknoloġiji avvanzati għall-ħolqien tal-enerġija, inkluż il-ġbir u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS), il-ġbir, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCU) u l-gassifikazzjoni tal-faħam, l-immodernizzar tat-tiġin distrettwali, inkluża l-koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, l-adattament bikri għal standards ambjentali futuri u r-ristrutturar tal-industriji intensivi fl-użu tal-enerġija, kif ukoll jiġu indirizzati l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

87. Jissottolinja l-importanza strateġika ta' proġetti infrastrutturali fuq skala kbira, bħar-Reattur Termonukleari Sperimentali Internazzjonali (ITER), is-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni b'Kopertura Ġeostazzjonarja (EGNOS), is-Sistema Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (Galileo), il-Programm ta' Osservazzjoni tad-Dinja (Copernicus) u l-Komunikazzjonijiet Governattivi bis-Satellita (GOVSATCOM) għall-kompetittività, is-sikurezza u s-setgħa politika futuri tal-UE; jindika li l-baġit tal-UE jeħtieġ li mhux biss jiżgura l-finanzjament ta' dawn il-proġetti l-kbar, iżda wkoll jipprevedi, għal dan il-għan, fondi delimitati (ring-fenced) biex l-ispejjeż possibbli li jkunu akbar minn dawk ipplanati ma jheddux il-finanzjament u l-implimentazzjoni b'suċċess ta' politiki oħrajn tal-Unjoni, kif intwera fil-QFP preċedenti f'ċerti każijiet individwali; ifakkar li, għal dan l-iskop, l-ammont massimu għal dawn il-proġetti bħalissa huwa ffissat fir-Regolament tal-QFP, u jitlob dispożizzjonijiet simili fir-regolament il-ġdid;
88. jisħaq fuq l-importanza tar-rwol tat-tmexxija tal-UE f'li tippreserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni tal-ekosistemi u t-telf tal-bijodiversità; iqis li finanzjament stabbli u xieraq huwa essenzjali għall-kisba tal-impjenji internazzjonali tal-UE, bħal pereżempju l-Ftehim ta' Pariġi; ifakkar li l-QFP li jmiss għandu jgħin lill-Unjoni tilħaq dawk l-oġġettivi u għandu jikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju sal-2050; jissottolinja li l-UE ma għandhiex tiffinanzja proġetti u investimenti li jmorru kontra l-ilħuq ta' dawn l-oġġettivi; jitlob integrazzjoni totali tal-aspetti marbuta mal-klima tal-infiq futur tal-UE; jitlob, f'dan ir-rigward, għal programmi kkonċernati, bħal-LIFE+, li jkunu ffinanzjati b'mod xieraq u biex ir-riżorsi finanzjarji tagħhom jiġu rduppjati, u għall-istabbiliment ta' pakketti ddedikati għall-bijodiversità u l-ġestjoni tan-netwerk Natura 2000;

#### *Aktar koeżjoni u solidarjetà fl-Ewropa*

89. Jenfasizza li l-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020 għandha tibqa' l-politika ta' investiment prinċipali tal-Unjoni Ewropea li tinkludi lir-reġjuni kollha tal-UE, sabiex tindirizza sfidi soċjoekonomiċi kumplessi filwaqt li tikkonċentra l-maġġoranza tar-riżorsi fuq ir-reġjuni l-aktar vulnerabbli; jemmen li, lil hinn mill-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp u żżid il-konverġenza kif minqax fit-Trattat, il-politika ta' koeżjoni għandha tikkonċentra fuq l-ilħuq tal-oġġettivi politiċi wesgħin tal-

UE u tippromponi, għaldaqstant, li fl-ambitu tal-QFP li jmiss, it-tliet fondi tal-politika ta' koeżjoni, jiġifieri l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u l-Fond ta' Koeżjoni, jikkonċentraw prinċipalment fuq l-għoti ta' appoġġ għat-*tkabbir* u l-kompetittività, għall-innovazzjoni u r-riċerka, id-diġitalizzazzjoni, it-tranżizzjoni industrijali, l-SMEs, it-trasport, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima, is-sostenibbiltà ambjentali u t-tranżizzjoni enerġetika ġusta, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tnaqqis fil-faqar u l-isfidi demografiċi; jisħaq fuq il-fatt li dawn it-tliet fondi jirrappreżentaw il-komponenti integrali tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, u jistgħu joperaw biss b'mod konġunt taħt il-qafas uniku ta' din il-politika; jitlob, barra minn hekk, għal kooperazzjoni territorjali msaħħa, inkluż komponent transfruntier u dimensjoni urbana għall-politika, kif ukoll dispożizzjonijiet dedikati għal żoni rurali, muntanjużi, remoti u gżejjer;

90. Iqis ta' importanza assoluta ż-żamma tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni ta' wara l-2020 għall-UE-27 almenu għal-livell tal-baġit 2014-2020 bi prezzijiet kostanti; jenfasizza li l-PDG għandu jibqa' wieħed mill-parametri għall-allokazzjoni tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni, iżda jemmen li dan għandu jkun komplementat minn ġabra addizzjonali ta' indikaturi soċjali, ambjentali u demografiċi biex tingħata stampa aktar preċiża tat-tipi l-*ġodda* ta' inugwaljanzi bejn u fi ħdan ir-reġjuni tal-UE fl-Istati Membri kollha; jappoġġja, barra minn dan, it-tkomplija, fl-ambitu tal-perjodu ta' programmazzjoni l-*ġdid*, tal-elementi li għabu lill-politika ta' koeżjoni aktar moderna u aktar orjentata lejn ir-riżultati fl-ambitu tal-QFP attwali, jiġifieri l-konċentrazzjoni tematika, il-kondizzjonalitajiet *ex ante*, il-qafas tal-prestazzjoni u r-rabta mal-governanza ekonomika;
91. Jinsab impenjat b'konvinzjoni favur l-impenji, li jirriżultaw mill-Artikolu 9 tat-TFUE għall-kisba ta' Ewropa soċjali u għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, abbażi tat-*tkabbir* sostenibbli ta' ekonomija tas-suq soċjali ferm kompetittiva, bil-għan li jinkiseb livell massimu ta' impjiegi u progress soċjali u jiġu promossi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, is-solidarjetà bejn il-*ġenerazzjonijiet* u l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal kif stabbiliti fit-Trattat; jenfasizza li tali implimentazzjoni tirrikjedi li l-politiki soċjali jkunu ffinanzjati kif xieraq u jissottolinja l-bżonn konsegwenti li jissaħħew mill-*ġdid* l-istrumenti finanzjarji eżistenti li jikkontribwixxu għal dawn l-għanijiet, partikolarment il-FSE, l-Inizjattiva favur l-Impjiegi taż-*Żgħażaġħ*, il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, il-FEG u l-EaSI; jinsisti li dawn se jitħarsu fil-QFP li jmiss u li dawn għandhom jibqgħu jiġu implimentati b'mod predominanti permezz tal-*għotjiet*;
92. Itenni l-istudina tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kollha biex jistabbilixxu fond speċjali ddedikat għall-Garanzija għat-Tfal, li jqiegħed lit-tfal fiċ-*ċentru* tal-politiki li jespandu dwar it-tnaqqis tal-faqar u jassigura r-riżorsi korrispondenti għall-implimentazzjoni sħiħa tal-miżuri politiċi neċessarji, inkluż billi jgħin lill-*ġenituri* joħroġu mill-esklużjoni soċjali u mill-qgħad permezz ta' interventi mmirati;
93. Jenfasizza li l-FSE b'mod partikolari għandu jespandi l-appoġġ tiegħu għall-iżvilupp tad-djalogu soċjali, jiġifieri billi jtejjeb il-bini ta' kapaċità ta' sħab soċjali inkluż fil-livelli settorjali u intersettorjali Ewropej u li dan l-impenn għandu jsir obbligatorju għall-Istati Membri fir-reġjuni kollha tal-UE;
94. Jenfasizza b'mod partikolari l-*ħtieġa* kontinwa tal-*għlieda* kontra l-qgħad u l-esklużjoni fost iż-*żgħażaġh*, b'mod partikolari fost iż-*żgħażaġh* barra mill-edukazzjoni, impjiegi jew

taħriġ (NEETs), bħala parti minn approċċ komprensiv għall-politiki taż-żgħażaġh fil-livell tal-UE; jappella, għalhekk, biex il-pakkett tal-Inizjattiva favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ jiġi rduppjat għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ tal-UE, filwaqt li tiġi żgurata l-allokkazzjoni rapida u simplifikata ta' fondi u finanzjament permanenti u stabbli fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss; jissottolinja l-ħtieġa għal regolament imtejjeb sabiex tiġi ssalvagwardjata l-parteċipazzjoni nondiskriminatorja fil-programm għaż-żgħażaġh li jiġu minn sfond soċjoekonomiku żvantaġġat; iqis li l-investiment maħsub biex jagħti spinta lill-edukazzjoni u t-taħriġ, speċjalment l-iżvilupp tal-litteriżmu diġitali, jibqa' fost il-prijoritajiet assoluti tal-UE; jinsisti li dan il-programm ma jridx jissostitwixxi l-infiq preċedentement iffinanzjat mill-baġits nazzjonali;

95. Jesprimi appoġġ għall-programmi fl-oqsma tal-kultura, tal-edukazzjoni, tal-mezzi ta' komunikazzjoni, taż-żgħażaġh, tal-isport, tad-demokrazija, taċ-ċittadinanza u tas-soċjetà ċivili li wrew biċ-ċar il-valur miżjud Ewropew tagħhom u ilhom igawdu minn popolarità fost il-benefiċjarji; jirrakkomanda, għalhekk, investiment kontinwu fil-qafas għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-2020 permezz tal-programm Erasmus+, Ewropa Kreattiva u l-programmi L-Ewropa għaċ-Ċittadini, sabiex jintlaħqu persuni ta' kull età, speċjalment iż-żgħażaġh; itenni l-appoġġ tiegħu biex tissaħħaħ id-dimensjoni esterna tal-programmi Erasmus+ u Ewropa Kreattiva; jirrakkomanda, barra minn hekk, it-tkomplija tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, b'riżorsi adegwati li ma għandhomx isiru għad-detriment ta' programmi oħra tal-UE; jenfasizza wkoll il-kontribut sinifikanti li l-industriji kulturali u kreattivi (CCIs) għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE;
96. Jirrakkomanda li jitwaqqaf Fond Ewropew tad-Demokrazija intern għall-appoġġ imsaħħaħ tas-soċjetà ċivili u tal-NGOs li jaħdmu fl-oqsma tad-demokrazija u tad-drittijiet tal-bniedem, li għandu jkun ġestit mill-Kummissjoni;
97. Jitlob, b'mod partikolari, li l-pakkett għal Erasmus+ mill-inqas jittripla fil-QFP li jmiss bil-għan li jintlaħqu ħafna aktar żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u studenti mill-iskejjel sekondarji u apprendisti mill-Ewropa kollha, u biex jiġu pprovduti b'kompetenzi ta' valur u ħiliet għall-ħajja permezz ta' opportunitajiet ta' taġħlim matul il-ħajja kollha, edukazzjoni bbażata fuq min qed jitgħallem, edukazzjoni mhux formali u taġħlim informali, b'mod partikolari l-volontarjat u x-xogħol maż-żgħażaġh; jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni li jkunu ġejjin minn sfond soċjoekonomiku żvantaġġat sabiex ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-programm, kif ukoll għal persuni b'diżabilità;
98. Jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti segwitu għall-proġett "18th Birthday Interrail Pass for Europe" ("Biljett Interrail għall-Ewropa f'Għeluq it-18-il sena") u timplimenta programm dedikat fil-QFP li jmiss b'biżżejjed approprjazzjonijiet annwali biex jiġu koperti l-applikazzjonijiet kollha għal biljett ferrovjarju b'xejn li jaslu mingħand żgħażaġh Ewropej li jagħlqu t-18-il sena f'sena speċifika; jissottolinja li proġett bħal dan isir komponent ewlieni fiż-żieda tal-kuxjenza u tal-identità Ewropej, speċjalment fid-dawl ta' theddidiet bħall-popoliżmu u t-tixrid ta' informazzjoni qarrieqa; itenni li biex jintlaħaq l-objettiv ta' programm bħal dan, hija mistennija proposta b'bażi ġuridika xierqa mingħand il-Kummissjoni;
99. Jistenna li fil-perjodu wara l-2020, l-Unjoni Ewropea se tgħaddi minn modalità ta' ġestjoni tal-kriżi għal politika komuni Ewropea permanenti fil-qasam tal-asil u tal-migrazzjoni; jisħaq li l-azzjonijiet f'dan il-qasam għandhom ikunu koperti minn

strument apposta, jiġifieri l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF); jenfasizza li l-fond futur, kif ukoll l-aġenziji fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni (ĠAI), iridu jkunu mgħammra b'livell adegwat ta' finanzjament għall-QFP sħiħ li jmiss sabiex jindirizzaw l-isfidi komprensivi f'dan is-settur; jemma, barra minn hekk, li l-AMIF għandu jkun komplementat b'komponenti addizzjonali li jitrattaw il-kwistjonijiet taħt il-kappa ta' dawn il-politiki, partikolarment mill-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u l-istrumenti ta' finanzjament għall-azzjonijiet esterni, billi l-ebda strument waħdu ma jista' jittama li jindirizza l-kobor u l-kumplessità tal-bżonnijiet f'dan il-qasam; jirrikonoxxi, barra minn hekk, l-importanza tal-programmi kulturali, edukattivi, għaż-żgħażaġh u dawk sportivi fl-integrazzjoni tar-rifuġjati u tal-migranti fis-soċjetà Ewropea; jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta jekk ir-rwol tal-ibliet Ewropej fi ħdan il-politika Ewropea dwar l-asil jistax jissaħħaħ bl-introduzzjoni ta' skema ta' inċentivi li toffri appoġġ finanzjarju għall-akkomodazzjoni tar-rifuġjati u għall-iżvilupp ekonomiku direttament lill-ibliet talli jirċievu rifuġjati u applikanti għall-asil;

100. Jirrikonoxxi l-valur miżjud Ewropew ta' kollaborazzjoni fl-indirizzar tat-theddid komuni għas-saħħa pubblika; jinnota li ebda Stat Membru ma jista' jindirizza waħdu l-isfidi transfruntieri tas-saħħa u jitlob li l-QFP li jmiss jirrifletti r-responsabbiltà tal-UE li timplimenta l-SDG dwar is-saħħa pubblika, is-sistemi tas-saħħa u l-problemi relatati mal-ambjent, u biex tappoġġja lill-Istati Membri biex jeliminaw l-inugwaljanzi dejjem akbar fil-qasam tas-saħħa; iqis li, abbażi tal-eżitu pożittiv tal-azzjonijiet li għaddejja f'dan il-qasam, il-QFP li jmiss għandu jinkludi programm sod tal-ġenerazzjoni li jmiss għas-saħħa li jindirizza dawn il-kwistjonijiet fuq bażi transfruntiera, pereżempju billi jsibu soluzzjonijiet innovattivi għall-provvista tal-kura tas-saħħa, inkluż is-saħħa diġitali, bħan-Netwerks Ewropej ta' Referenza u li tipprovdi appoġġ għall-Istati Membri fil-forma ta' għarfien espert u skambju ta' data, evidenza u prattiki tajba; ifakkar li saħħa tajba hija prerekwiżit għall-ilħuq ta' għanijiet oħra stabbiliti mill-UE, u li politiki bħal dawk dwar l-agrikoltura, l-ambjent, l-impjiegi, il-kwistjonijiet soċjali jew l-inklużjoni għandhom ukoll impatt fuq is-saħħa taċ-ċittadini Ewropej; jappella, għaldaqstant, għat-tisħiħ tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa u tal-kooperazzjoni transsettorjali fil-QFP li jmiss f'dan il-qasam

#### *Agrikoltura u sajd aktar b'saħħithom u sostenibbli*

101. Jafferma li l-politika agrikola komuni (PAK) modernizzata hija fundamentali għas-sigurtà tal-ikel u għall-awtonomija, għall-konservazzjoni tal-popolazzjonijiet rurali u tal-impjiegi, għall-iżvilupp sostenibbli, għas-sostenibbiltà ambjentali, agrikola u tal-forestrija, u għall-għoti ta' prodotti tal-ikel ta' kwalità għolja u nutrittivi bi prezzijiet raġonevoli liċ-ċittadini Ewropej; jindika li r-rekwiżiti alimentari u sanitarji żdiedu, kif ukoll il-bżonn li tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni tal-bdiewa lejn prattiki agrikoli li jirrispettaw aktar l-ambjent u li jindirizzaw it-tibdil fil-klima; jenfasizza l-hteġa ta' appoġġ lis-sigurtà tad-dħul tal-bdiewa u tissaħħaħ ir-rabta bejn il-PAK u t-twassil tal-beni pubbliċi; jissottolinja li l-PAK hija waħda mill-aktar politiki integrati u hija ffinanzjata prinċipalment fil-livell tal-UE, u għaldaqstant, tieħu post l-infiq nazzjonali;
102. Jenfasizza li l-baġit tal-PAK fil-QFP li jmiss għandu almenu jinżamm fil-livell attwali tiegħu għall-UE-27 bi prezzijiet kostanti; jenfasizza li l-isfidi l-ġodda li jrid iħabbat wiċċu magħhom il-PAK li jmiss jeħtieġu allokkazzjoni finanzjarja soda bbażata fuq analiżijiet tal-politika attwali u futuri; jissottolinja li l-pagamenti diretti jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar u jsaħħu s-suq uniku billi jevitaw tgħawwiġ tal-kompetizzjoni bejn l-Istati Membri; jopponi kwalunkwe rinazzjonalizzazzjoni u

kwalunkwe kofinanzjament nazzjonali għall-pagamenti diretti f'dak ir-rigward; jisħaq fuq il-bżonn li jitkomplew miżuri li jżommu l-produzzjoni fis-setturi li huma vitali għaż-żoni vulnerabbli, issir riforma fir-riżerva agrikola ta' kriżi, jiżdied il-finanzjament skont ir-risposti lid-diversi kriżijiet ċikliċi f'setturi sensittivi, bil-għan li jinħolqu strumenti ġodda li jistgħu jtaffu l-volatilità tal-prezzijiet u jżidu l-finanzjamenti għall-Programmi ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI); ihegġegħ lill-Kummissjoni tkompli l-proċess ta' konverġenza ta' pagamenti diretti u tiżgura l-qafas finanzjarju u legali meħtieġ għall-katina tal-provvista tal-ikel, sabiex jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali inġusti; ifakkar li ż-żoni rurali fl-UE qed jaffaċċjaw problemi serji u għalhekk jeħtieġu appoġġ speċifiku;

103. Jenfasizza l-importanza soċjoekonomika u ekoloġika tas-settur tas-sajd, l-ambjent marittimu u l-"ekonomija blu" u l-kontribut tagħhom lejn l-awtonomija alimentari sostenibbli tal-UE f'termini tal-iżgurar ta' sostenibbiltà tal-akkwakultura u s-sajd Ewropej u l-mitigrazzjoni tal-impatt ambjentali; jirrimarka li l-politika komuni tas-sajd hija kompetenza esklużiva tal-UE; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-bżonn li jinżamm fond tas-sajd speċifiku, sostanzjali, indipendenti u aċċessibbli biex jimplementa din il-politika; jitlob li jerġa' jiġi stabbilit il-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità fis-Sajd, peress li dan huwa programm importanti ħafna għar-Reġjuni Ultraperifiċi tal-UE; jitlob, tal-inqas, li jinżamm il-livell tal-approprijazzjonijiet finanzjarji ddedikati għas-settur tas-sajd, fl-ambitu tal-QFP attwali, u, jekk jinqalgħu bżonnijiet ġodda, għal żieda fl-approprijazzjonijiet finanzjarji għall-affarijiet marittimi; iwissi kontra l-impatti negattivi possibbli ta' Brexit "iebes" fuq dan is-settur; josserva li l-istrumenti finanzjarji l-oħrajn, barra mill-għajnuna mhux rimborżabbli, jistgħu jagħtu possibbiltajiet ta' finanzjament komplementari;

#### *Aktar responsabbiltà fid-dinja*

104. Jisħaq fuq il-fatt li d-dinja qiegħda taffaċċja bosta sfidi inklużi l-kunflitti, l-attakki ċibernetiċi, it-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, id-diżinformazzjoni, id-diżastri naturali, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-disparità bejn is-sessi; jemmen li l-Unjoni għandha responsabbiltà politika u finanzjarja partikolari li tissegjes fuq politika estera li tkun ġenwinament Ewropea u bbażata fuq ir-regoli u l-valuri, u li tissegjes fuq l-appoġġ għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-governanza demokratika u l-iżvilupp sostenibbli tas-sħab tagħna, kif ukoll fuq il-qerda tal-faqar u r-rispons għall-kriżijiet;
105. Jenfasizza li l-approprijazzjonijiet għall-azzjoni esterna għandhom jiżdiedu b'mod sostanzjali jekk l-Unjoni trid twettaq ir-rwol tagħha fil-qafas tal-istrateġija globali tagħha u tal-politiki tat-tkabbir, tal-viċinat u tal-iżvilupp tagħha, kif ukoll biex tindirizza l-emerġenzi; jistenna li l-QFP li jmiss jirrifletti l-bżonnijiet bla preċedenti tal-pajjiżi ġirien tan-Nofsinhar u tal-Lvant li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' kunflitti u mal-konsegwenzi tal-isfidi ppreżentati mill-migrazzjoni u mir-rifuġjati; jitlob li jiġi allokat livell oġhla ta' approprijazzjonijiet biex jindirizza l-ħtieġa dejjem akbar ta' għajnuna umanitarja li tirriżulta minn diżastri naturali u minn dawk magħmula mill-bniedem, billi jevita kwalunkwe differenza bejn l-impenji u l-pagamenti; jemmen li huwa meħtieġ għall-Unjoni li żżid il-finanzjament għall-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-NU għar-Rifuġjati tal-Palestina fil-Lvant Qarib (UNRWA); jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa għal riżorsi addizzjonali biex jiffinanzjaw pjan ta' investiment għall-Afrika għal promozzjoni tat-tkabbir inklużiv u l-iżvilupp sostenibbli, u b'hekk jiġu indirizzati wħud mill-kawżi primarji tal-migrazzjoni irregolari;

106. Ifakkar li l-politika ta' żvilupp tal-UE hija xprunata minn sensiela ta' impenji, b'mod partikolari l-SDGs, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp, il-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima u l-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, kif ukoll il-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u l-prinċipji tal-effikaċja tal-ġħajnuna; jiġbed l-attenzjoni għall-impenn meħud mill-UE u mill-Istati Membri tagħha biex, sal-2030, iżidu l-ġħajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) tagħhom għal 0,7 % tal-PDG, li minnha 20 % tal-ODA tal-UE jmorru għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem u 0,2 % tal-ING tal-UE fl-ODA jmorru għall-pajjiżi inqas żviluppati;
107. Jinnota li l-ġħajnuna għall-iżvilupp tista' tiżvolġi rwol importanti fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u fil-kontribuzzjoni għall-istabbiltà, iżda jqis li l-ODA m'għandhiex tintuża biex tkopri l-ispejjeż li ntefqu fil-pajjiżi donaturi għall-ħtiġijiet tar-rifuġjati; jinnota r-rwol potenzjali tal-ODA li tiffaċilita l-mobilizzazzjoni ta' finanzjament minn sorsi oħra, u jissottolinja l-ħtieġa għal aktar involviment mas-settur privat permezz ta' kontinwazzjoni possibbli tal-Pjan ta' Investiment Estern, billi jibbaża fuq l-evalwazzjonijiet tiegħu;
108. jappoġġja l-ġħoti dirett ta' fondi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, speċjalment f'pajjiżi terzi fejn id-demokrazija u l-istat tad-dritt huma f'riskju; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-ħtieġa li l-istrumenti ta' finanzjament estern jipprovdu rispons rapidu għall-iżviluppi politiċi u jsaħħu l-prinċipju ta' "aktar għal aktar";
109. Lest jikkunsidra arkitettura simplifikata għall-istrumenti ta' finanzjament estern, dment li żżid it-trasparenza, ir-responsabbiltà, l-effiċjenza, il-koerenza u l-flessibbiltà, u ttrrispetta l-oġġettivi tal-politiki sottostanti; jitlob li jinżammu strumenti ddedikati separati għall-Ġħajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni, għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Ġħajnuna Umanitarja minħabba l-fatturi politiċi u finanzjarji speċifiċi tagħhom; jinnota li tali arkitettura għandha tinkludi FEŻ ibbaġitjat miżjud mal-limiti miftiehma mingħajr il-Faċilità tal-Paċi Afrikana, u inkorporazzjoni aktar trasparenti tal-fondi fiduċjarji u l-faċilitajiet rilevanti;
110. Ifakkar fl-importanza ta' flessibbiltà msaħħa biex tippermetti l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi addizzjonali u r-rilaxx rapidu tal-fondi; jikkunsidra x'aktarx, bħala parti minn żieda globali fl-istrumenti ta' finanzjament estern, riżerva mhux allokata akbar immirata biex iżżid il-flessibbiltà intrinsika; jisħaq madankollu li tali flessibbiltà m'għandhiex tinkiseb b'detriment għall-oġġettivi tal-politika fuq tul ta' żmien twil u l-prijoritajiet ġeografiċi u tematiċi, għall-prevedibbiltà tal-finanzjament fuq tul ta' żmien twil, għall-iskrutinju parlamentari u għall-konsultazzjonijiet mal-pajjiżi sħab u mas-soċjetà ċivili;

*Sigurtà, paċi u stabbiltà għal kulħadd*

111. Jemmen li l-ħolqien ta' intestatura ġdida ddedikata għal "Sigurtà, paċi u stabbiltà għal kulħadd" juri l-prijorità li l-Unjoni tagħti lil din ir-responsabbiltà politika emerġenti, jirrikonoxxi l-ispeċifiċità tagħha u jikseb konsistenza bejn id-dimensjoni interna u dik esterna tagħha;
112. Jissottolinja li l-livell u l-mekkaniżmi ta' finanzjament fil-qasam tas-sigurtà interna għandhom ikunu intensifikati mill-bidu u għall-perjodu sħiħ tal-QFP li jmiss bil-għan li jevitaw ir-rikors sistematiku ta' kull sena għad-dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà tal-QFP; jitlob li jingħataw biżżejjed riżorsi lill-aġenziji tal-infurzar tal-liġi (Europol, Eurojust u



Cepol) u li l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira (eu-LISA) tkun mgħammra bil-mezzi biex timplimenta u tiġġestixxi r-responsabbiltajiet il-ġodda tagħha; jissottolinja r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali biex tifhem u twieġeb għall-fenomeni tar-radikalizzazzjoni, tal-emarġinazzjoni, tad-diskors ta' mibegħda u tar-reati ta' mibegħda;

113. Jemmen li l-QFP li jmiss irid jappoġġja l-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tad-Difiża; jinsab ħerqan dwar il-proposti leġiżlattivi rilevanti, b'segwitu għad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni f'dawn l-oqsma, li jinkludu programm ta' riċerka tal-UE fil-qasam tad-difiża u programm ta' żvilupp industrijali kkomplementat mill-investiment tal-Istati Membri fit-tagħmir kollaborattiv; jerġa' jafferma, f'dan il-kuntest, il-konvinzjoni qawwija tiegħu li l-prijoritajiet politiċi addizzjonali għandhom ikunu abbinati ma' mezzi finanzjarji addizzjonali; ifakkar li kooperazzjoni miżjuda fil-qasam tad-difiża, l-aggregazzjoni tar-riċerka u tat-tagħmir u l-eliminazzjoni tad-duplikazzjonijiet se jagħtu spinta lill-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-industrija tad-difiża tal-Ewropa u jwasslu għal gwadann kbir f'termini ta' effiċjenza, spiss smat għal madwar EUR 26 biljun fis-sena;
114. Jitlob, fil-kuntest taż-żieda fl-attenzjoni mogħtija lis-sigurtà u d-difiża fl-Unjoni, rivalutazzjoni tan-nefqa kollha għas-sigurtà esterna; jinsab ħerqan, b'mod partikolari, għal riforma tal-mekkaniżmu Athena u tal-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika wara l-inklużjoni fil-baġit tal-FEŻ; jilqa' l-impenji reċenti li ħadu l-Istati Membri taħt il-kooperazzjoni strutturata permanenti u jitlob lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarjiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissjoni biex jipprovdu kjarifiki f'dak li jikkonċerna l-finanzjamenti futuri; jitlob għal programm suċċessur għall-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi li jikkonċentra fuq ir-rispons għall-kriżijiet u t-tisih tal-kapaċitajiet għas-sigurtà u l-iżvilupp, filwaqt li tinstab soluzzjoni legalment soda għat-tisih tal-kapaċitajiet militari;
115. Jisħaq fuq l-importanza assoluta tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili li ppermetta għajnuna kkoordinata tal-UE f'diżastri naturali u f'dawk magħmula mill-bniedem fl-Unjoni u lil hinn minnha; jindika l-valur miżjud indiskutibbli tal-operazzjonijiet tal-protezzjoni ċivili li jiġġieldu b'mod effikaċi kontra d-diżastri li qed isiru dejjem aktar spissi u kumplessi, filwaqt li jsaħħu s-sensazzjoni ta' solidarjetà Ewropea fost iċ-ċittadini tal-UE fi żminijiet ta' bżonn; jilqa' l-proposti reċenti tal-Kummissjoni biex tingħata spinta lill-protezzjoni ċivili tal-UE billi jissaħħu l-istat ta' tħejjija u l-miżuri ta' prevenzjoni, inkluż l-istabbiliment ta' riżerva dedikata ta' kapaċitajiet operazzjonali fil-livell tal-Unjoni; jitlob li azzjoni msaħħa f'dan il-qasam tkun akkoppjata ma' finanzjament adegwat fil-QFP li jmiss;

#### *Amministrazzjoni effiċjenti għas-servizz taċ-ċittadini Ewropej*

116. Iqis li amministrazzjoni pubblika b'saħħitha, effiċjenti u ta' kwalità għolja hija indispensabbli biex il-politiki tal-Unjoni jħallu l-frott u biex terġa' tibni l-fiduċja u ssaħħaħ id-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u maċ-ċittadini fil-livelli kollha; jissottolinja, f'dan ir-rigward, ir-rwol tal-istituzzjonijiet magħmula minn membri demokratikament eletti; ifakkar li, skont il-Qorti tal-Awdituri, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE implimentaw tnaqqis ta' 5 % tal-persunal kif stabbilit fl-organigrammi tagħhom; huwa tal-fehma li ma għandhomx ikunu soġġetti għal approċċ ta' tnaqqis orizzontali ulterjuri ta' dan it-tip; jesprimi l-oppożizzjoni feroċi tiegħu għal ripetizzjoni tal-hekk imsejħa aggregazzjoni ta' tqassim mill-ġdid għall-aġenziji;

117. Jilqa' l-inizjattivi tal-istituzzjonijiet, tal-korpi u tal-aġenziji biex iżidu aktar l-effiċjenza bis-saħħa ta' kooperazzjoni amministrattiva miżjuda u l-aggregazzjoni ta' ċerti funzjonijiet, b'hekk isir iffrankar fil-baġit tal-Unjoni; jenfasizza l-fatt li, għal ċerti aġenziji, jista' jsir aktar gwadann f'termini ta' effiċjenza, speċjalment permezz ta' kooperazzjoni miżjuda fost l-aġenziji b'kompiti simili, bħal fil-qasam tas-superviżjoni tas-suq finanzjarju u tal-aġenziji b'bosta sedi; jitlob, b'mod aktar ġenerali, li jiġu vvalutati bir-reqqa l-possibbiltajiet li jingħaqdu l-aġenziji skont in-natura strateġika tal-missjoni tagħhom u r-riżultati tagħhom sabiex joħolqu sinerġiji bejn l-aġenziji, eż. rigward l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq f'Pariġi;
118. Iqis li l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE għandhom jirrispettaw kemm il-bilanċ ġeografiku kif ukoll il-bilanċ bejn is-sessi,
119. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippromovi mekkaniżmu li permezz tiegħu, l-Istati Membri li ma jirrispettawx il-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), ikunu soġġetti għal konsegwenzi finanzjarji; iwissi, madankollu, li l-benefiċjarji finali tal-baġit tal-Unjoni ma jistgħu bl-ebda mod jiġu affettwati minn ksur ta' regoli li ma jkunux responsabbli għalih; huwa konvint, għalhekk, li l-baġit tal-Unjoni mhux i-strument ġust biex jiġi indirizzat in-nuqqas li wieħed jirrispetta l-Artikolu 2 TUE, u li kwalunkwe konsegwenza finanzjarja għandha taqa' fuq l-Istat Membru b'mod indipendenti mill-implimentazzjoni tal-baġit;
120. Jenfasizza li l-eliminazzjoni ta' diskriminazzjonijiet, kif ukoll tad-disparità bejn is-sessi u l-vjolenza abbażi ta' sess, hija vitali biex tissodisfa l-impenji tal-UE lejn Ewropa inklużiva; jappoġġja, għalhekk, l-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-impenji dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki kollha tal-UE taħt il-QFP li jmiss, kif ukoll id-dimensjoni baġitarja msaħħa fil-ġlieda kontra l-każijiet kollha ta' diskriminazzjoni, b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni tal-ġeneru fi ħdan il-politiki dwar il-migrazzjoni u l-asil u l-politika esterna tal-UE;
121. Jisħaq, għaldaqstant, fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li n-nisa jkollhom aċċess għal servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva u li tingħata attenzjoni speċjali lill-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni vulnerabbli inklużi minorenni u gruppi oħra, bħall-komunità LGBTI;
122. Huwa favur li jingħata appoġġ lil gruppi destinatariji żvantaġġati, billi jeskludi b'mod espliċitu prattiki segregazzjonali, speċjalment persuni b'diżabbiltà u dawk Rom, u b'mod partikolari li d-denominazzjoni ta' "persuni Rom" tibqa' fil-lista ta' benefiċjarji tal-FSE u l-FEŻR;
123. Jinnota li, minħabba l-iżolament tagħhom mill-kontinent Ewropew, ir-Reġjuni Ultraperiferiċi (ORs) u l-Pajjiżi u t-Territorji extra-Ewropej (OCTs) iridu jaffaċċjaw sfidi naturali, ekonomiċi u soċjali speċifiċi; iqis li għandhom jiġu stabbiliti għalihom miżuri mfassla apposta u derogi debitament ġustifikati; jitlob li l-UE tkompli tagħti l-appoġġ finanzjarju lill-ORs u l-OCTs fil-QFP li jmiss, b'mod partikolari taħt il-politika ta' koeżjoni għall-ORs u taħt strument speċifiku għall-OCTs, sabiex ikollhom l-aċċess għal programmi ta' riċerka u jiġġieldu kontra l-isfidi speċifiċi tat-tibdil tal-klima li jaffaċċjaw;
124. Ihegġegħ lill-Kummissjoni, għall-fini ta' ġestjoni finanzjarja tajba u trasparenza tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, biex tikkunsidra li tistabbilixxi kundizzjonijiet xierqa għall-

prevenzjoni tal-korruzzjoni u tal-frodi finanzjarja rigward fondi tal-UE; jesprimi tħassib partikolari rigward il-frodi doganali, li ħolqot telf sinifikanti ta' introjtu għall-baġit tal-Unjoni; jistieden lil dawk l-Istati Membri li oġġezzjonaw għall-qafas legali tal-Unjoni rigward ksur doganali u sanzjonijiet biex jikkunsidraw mill-ġdid il-pożizzjoni tagħhom sabiex jippermettu soluzzjoni rapida għal din il-problema;

#### ***IV. Proċedura u proċess deċiżjonali***

125. Ifakkar li l-adozzjoni tal-Regolament dwar il-QFP teħtieġ l-approvazzjoni tal-Parlament; jenfasizza, barra minn hekk, li l-Parlament u l-Kunsill huma żewġ fergħat indaqs tal-awtorità baġitarja fl-adozzjoni tal-baġit annwali tal-UE, filwaqt li l-leġiżlazzjoni settorjali li toħloq il-maġġoranza l-kbira tal-programmi tal-UE, inklużi l-pakketti finanzjarji tagħhom, hija deċiża fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jistenna, għaldaqstant, proċedura deċiżjonali fil-QFP li jmiss li tħares ir-rwol u l-prerogattivi tal-Parlament kif stabbiliti fit-Trattati; jinsisti li r-Regolament QFP mhux il-lok xieraq għal tibdiliet fir-Regolament Finanzjarju tal-UE; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tressaq proposta separata għal reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, kull meta jkun hemm il-ħtieġa li jsiru bidliet f'dak ir-regolament;
126. Jesprimi d-disponibbiltà tiegħu li jidħol minnufih fi djalogu strutturali mal-Kummissjoni u mal-Kunsill dwar il-QFP ta' wara l-2020 bil-għan li jiffaċilita n-negozjati sussegwenti u jippermetti ftehim sa tmiem din il-leġiżlatura; jinsab lest jiddiskuti mal-Kunsill il-pożizzjonijiet stabbiliti fir-risoluzzjoni attwali, sabiex jippermettu fehim aħjar tal-aspettattivi tal-Parlament fir-rigward tal-QFP li jmiss;
127. Jissottolinja li, bil-proposti tal-Kummissjoni mistennija għal Mejju 2018, fi żmien sena għandha tittieħed deċiżjoni formali dwar il-QFP li jmiss; iqis li, minkejja d-dewmien fil-preżentazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni, għandu jintlaħaq ftehim fil-ħin għall-qafas ta' wara l-2020, sabiex jibgħat messaġġ politiku importanti rigward il-kapaċità tal-Unjoni li tkompli tibni kunsens dwar il-futur tal-UE u l-mezzi finanzjarji korrispondenti; jinsisti li dan il-kalendarju se jippermetti, fost oħrajn, l-adozzjoni rapida tar-regolamenti settorjali kollha, b'hekk jippermetti li l-programmi l-ġodda jkun jistgħu jibdew mingħajr dewmien fl-1 ta' Jannar 2021; ifakkar li, fl-oqfsa finanzjarji preċedenti, il-programmi l-ġodda essenzjalment tnedew ftit snin wara l-bidu tal-perjodu;
128. Iqis li l-Parlament li jkun għadu kemm ġie elett jista', filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza assoluta tal-membri komponenti tiegħu, fi żmien 6 xhur wara l-elezzjonijiet Ewropej jitlob li l-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali li tistabbilixxi l-programmi suċċessuri tal-UE fil-QFP li jmiss, li tkun ġiet adottata mil-leġiżlatura preċedenti;
129. Jissottolinja, għalhekk, il-bżonn li jibdew mingħajr dewmien diskussjonijiet sostanzjali bejn it-tliet istituzzjonijiet; jišhaq fuq il-fatt li l-elementi kollha tar-Regolament dwar il-QFP, inklużi l-limiti massimi tal-QFP, se jkun parti min-negozjati tal-QFP u għandhom jibqgħu fuq il-mejda tan-negozjati sa ma jintlaħaq il-ftehim finali; ifakkar, f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni kritika tal-Parlament fil-konfront tal-proċedura li twassal għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP attwali u r-rwol dominanti li l-Kunsill Ewropew assumu f'dan il-proċess billi ddeċieda b'mod irrevokabbli dwar għadd ta' elementi, inklużi l-limiti massimi tal-QFP u bosta dispożizzjonijiet settorjali relatati mal-politiki;

130. Huwa tal-fehma li għandu jintlaħaq qbil mingħajr dewmien, taħt il-Presidenza Bulgara u qabel il-preżentazzjoni tal-proposti għall-QFP, dwar il-proċeduri relatati man-negożjati QFP li ġejjin, u partikolarment l-involvement tal-Parlament fid-diversi fażijiet ta' dan il-proċess; jistenna, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament, fi żmien raġonevoli, bl-istess livell ta' informazzjoni li jkun disponibbli għall-Kunsill; iqis li dawn l-arranġamenti għandhom eventwalment jitniżżlu fil-FII, kif huwa l-każ għall-proċedura baġitarja annwali;
131. Iqis li r-rekwiżit ta' unanimità għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP jirrappreżenta xkiel reali fil-proċess; jistieden lill-Kunsill Ewropew, f'dan ir-rigward, biex jattiva l-klawsola *passerelle* prevista fl-Artikolu 312(2) tat-TFUE sabiex jippermetti l-adozzjoni tar-Regolament QFP permezz ta' maġġoranza kwalifikata; ifakkar, barra minn hekk, li l-klawsola *passerelle* ġenerali stipulata fl-Artikolu 48(7) TUE tista' wkoll tiġi implimentata, sabiex tapplika l-proċedura leġiżlattiva ordinarja; jisħaq li bidla favur votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għall-adozzjoni tar-Regolament dwar il-QFP tkun konformi mal-proċess deċiżjonali għall-adozzjoni ta', tista' tgħid, il-programmi pluriennali kollha tal-UE, kif ukoll għall-proċedura annwali għall-adozzjoni tal-baġit tal-UE;
- 
- ◦
132. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kkonċernati l-oħrajn, u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.